# analiżi

VOL. 2 N. 1 OTTUBRU 1988
RIVISTA TA' KRITIKA GĦALL-MATRIKOLA TAL-MALTI
PUBBLIKATA MID-DIPARTIMENT TA' L-EDUKAZZJONI



Untitled. Oil on board. – Alfred Chircop

IL-BIDU TAL-PALK MALTI
RUŻAR BRIFFA
ĠORĠ PISANI U L-ISTORJA
LIVELLI FID-DRAMMI TA' EBEJER
TABERNAKLI
LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR
ĠORĠ ŻAMMIT: INTERVISTA MAL-POETA
TWEĠIBIET MUDELLI

Enjoy

Coca-Cola

Coke

TRADE MARK REGD.

# analiżi

## EDITORJAL

F'isem sħabna tal-Bord Editorjali u f'isem id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni nagħtukom merħba għal din is-sena skolastika. Qegħdin fit-tieni sena tal-pubblikazzjoni ta' din ir-rivista u deħlin għaliha b'kuraġġ u b'entużjażmu kbir. L-interess li rajna s-sena l-oħra minn kulħadd kien kbir ukoll, kemm mill-istudenti u mill-għalliema kif ukoll mill-ġenituri u l-kittieba tal-Malti. Mill-ħames ħarġiet tagħna l-ewwel tlieta spiċċaw għal kollox u saru rarità tal-*Melitensia*. U tant hawn talba għal ħarġa n. 1 li qed naħsbuha bis-serjetà biex nerġgħu nistampawha mill-ġdid!

Ħsiebna huwa dejjem wieħed: li ngħinukom lilkom l-istudenti u lilkom l-għalliema fil-Malti kemm għal dak li huwa l-eżami immedjat kif ukoll fl-interess li għandna rrawmu lkoll fil-lingwa u fil-letteratura tagħna. Dan l-interess irid iseħħ miż-żewġ naħat: kemm l-għalliem u kemm l-istudent iridu jagħtu sehemhom fl-istħarriġ wiesa' u sinċier ta' wieħed mill-aktar aspetti ewlenin tal-kultura tagħna. Għadda ż-żmien f'ħajjet Alla li, għax il-Malti, biżżejjed li wieħed iċekċek b'erba' noti. Il-kotba li hemm magħżulin għat-Tieni Karta, l-aktar *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul-Mercer, u l-poeżiji ta' Ġorġ Zammit u ta' Rużar Briffa fil-Livell Ordinarju, u *Linji Ġodda*, il-poeżiji ta' Dun Karm, *Mandala* ta' Philip Sciberras, id-drammi ta' Ġużè Diacono u *Antoloġija ta' Proża Maltija* għal-Livell Avvanzat, jippreżentawlkom sfida sħiħa ta' avventura li l-ewwel u qabel kollox tridu ġġarrbuha billi taqrawhom.

It-tieni pass ikun fl-istħarriġ serju tagħhom, li ma jimplikax biss it-tfittxija infantili tal-kliem tqil u ta' l-idjomi. Tridu tidħlu fir-ruħ ta' l-awtur u tifhmu bħalu għala ħass il-bżonn urġenti li jikteb, li jgħaddilkom l-esperjenza tiegħu għax ipprova (kemm irnexxielu?) jifhem u jfiehem l-eżistenza tal-ħajja, bil-valuri u bil-fallimenti tagħha, u l-bqija.

Ir-riżultati li kien hemm għall-eżamijiet tal-Matrikola tal-Malti fis-Sessjoni li għaddiet ta' Mejju/Ġunju jixhdu bla tlaqliq li dan l-istħarriġ m'huwiex isir, jew, jekk qed isir, l-istudenti Maltin m'humiex kapaċi juruh fit-tweġibiet tagħhom.

It-tagħlim tal-Malti m'huwiex biss l-informazzjoni fuq il-kotba magħżula għall-eżami. L-għalliema jridu jrawmu l-istudenti fil-preżentazzjoni ta' l-esej ġenerali u letterarju, iridu jlaqqgħuhom mal-kotba li m'humiex fis-sillabu imma li jiswewlhom mitqilhom deheb għall-ideat, l-aktar fejn jiltaqgħu ma' studenti li qatt ma jkunu messew ktieb b'idejhom (u b'xorti ħażina minn dawn baqa' ħafna!), iridu jħarrġuhom fit-teknika tat-taqsira u tat-traduzzjoni, iridu jfehmuhom fejn qiegħed is-sens tas-Sabiħ bis-saħħa tal-kritika u ta' l-apprezzament letterarju, u mitt ħaġa oħra.

Il-proċess huwa twil u... tqil. U sewwa sew għalhekk li qed nisħqu fuqu daqstant mill-bidu tas-sena.


**analiżi**

Rivista għall-Matrikola tal-Malti
Pubblikazzjoni tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni



©1988 Dipartiment ta' l-Edukazzjoni
© Dritt Letterarju tal-kittieba
Kull jedd miżmum. Din ir-rivista qed tinbiegħ bil-kundizzjoni li ma tistax tinsilef, terġa' tinbiegħ, tingħata b'xejn, f'xi forma oħra ta' stampar jew qoxra ħlief kif inhi ppubblikata mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. L-ebda silta min din il-pubblikazzjoni ma tista' tkun riprodotta b'xi mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, rekordjat jew b'kull mod ieħor mingħajr il-permess **bil-miktub** tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.



Stampat mill-P.E.G. Ltd, Il-Marsa.



Chairman tal-Bord Editorjali: DR PAUL HEYWOOD
Edituri: ĠORĠ MIFSUD u MARIO AZZOPARDI
Relazzjonijiet Pubbliċi: ADRIAN STIVALA
Awditur: JOHN FERNANDEZ
Membru: FRANZ MIFSUD



Indirizz Editorjali:
"Analiżi"
Il-Liċeo Ġ.F. Abela, Misraħ Ġużè Debono,
Msida.
Tel: 224271/5, Sinjorini Mary Azzopardi, Lorraine Paris


*Nota editorjali:* L-ideat tal-kittieba mhux bilfors jirriflettu l-fehmiet tal-Bord Editorjali.

## ABBONAMENTI U L-ĦARĠIET L-ANTIKI

Lm1.25 (ċekk *jew* ordni postali u mhux bolli) għall-ħarġiet kollha ta' din is-sena (Settembru, 1988 sa Ġunju, 1989).

Mill-ħarġiet l-antiki baqa' biss minn Vol. 1 N. 4 u 5, 25ċ il-waħda bil-posta b'kollox (ċekk *jew* ordni postali u mhux bolli). Fihom hemm dawn l-artikli importanti, fost l-oħrajn:

*N. 4:*

- Il-Gran Mastru La Cassière fir-Rumanz *San Ġwann*;
- Il-poeżiji "Papoċċi" ta' Albert Marshall u "Fil-Ġnien ta' Hastings" ta' Rużar Briffa bħala kritika letterarja;
- Korrispondenza dwar *L-Imwarrbin* ta' Francis Ebejer;
- Influssi fix-Xogħol ta' Dun Karm;
- Mudell għall-Kritika tal-poeżija "It-Tfajla tal-Muntanja" ta' Mario Azzopardi;
- Ġorġ Zammit Intervistat (L-Ewwel Parti);
- Kritika ta' Taqsima 5 f'*Linji Ġodda*;
- L-Iżvilupp ta' l-Azzjoni fir-Rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1);
- Esej ġenerali mudell "Il-Bniedem: Annimal f'Gaġġa?"

N. 5:

- Rużar Briffa u d-dramm ta' ħajtu;
- Ġorġ Pisani u l-poeżija tiegħu "Fil-Waqgħa ta' Tunes u Biżerta";
- Kummenti ta' Pisani stess fuq l-Antoloġija tiegħu *Il-Għid taż-Żgħożija*;
- Ġorġ Zammit Intervistat (it-Tieni Parti);
- L-Estetika Romantika f'Dun Karm;
- Dwar l-antoloġija *Tabernakli* ta' Mario Azzopardi;
- Il-Wirt Lingwistiku Malti;
- Kritika: devjazzjonijiet tal-prosodija fil-modernisti;
- Taħriġ-il-Fehem bil-mistoqsijiet fuq is-silta, kemm bħala komprensjoni u kemm bħala grammatika;
- Żewġ tweġibiet-mudelli għal mistoqsijiet mill-karti tal-Matrikola: Pisani u l-Istorja ta' Malta u Leli Anti-Eroj.

### SUPPLIMENT "ANALIŻI" N. 1

*L-Oqsma ta' l-Għerf* (1988) traduzzjoni tas-sillabu tas-*Systems of Knowledge* ta' Paul Heywood u Peter Serracino-Inglott, maqlub għall-Malti minn Ġorġ Mifsud. Fih ukoll żidiet tat-testijiet u tal-karti ta' l-eżami li saru fil-Kumpless Ġ.F. Abela, l-Imsida, u li ma jinstabux fl-oriġinal. Prezz: 30ċ bil-posta b'kollox.

### ANALIŻI VOL. 1 N. 1

Wara t-talba kbira li kellna għall-ewwel ħarġa ta' *Analiżi* l-Bord Editorjali qed jaħseb biex jagħmel ristampa tiegħu. Min jixtieq li jkollu kopja, għax in-numru se jkun limitat, għandu jikteb kemm jista' jkun malajr lil: *Analiżi*, 'Ristampa', Il-Liċeo Ġ.F. Abela, Misraħ Ġużè Debono, l-Imsida.





ĠUŻÈ CASSAR PULLICINO

# IL-BIDU TAL-PALK MALTI

## 1 – MID-DRAMM PRIMITTIV SA LUIGI ROSATO

Qabel ma nbena t-Teatru Manoel, u wisq qabel ma nkiteb l-ewwel dramm bil-Malti fis-seklu Dsatax, hawn Malta kienet laħqet inħolqot bħal tradizzjoni ta' rappreżentazzjonijiet komiċi jew xeni simboliċi, tradizzjoni li nistgħu nqisuha li twieldet fost il-għors tal-Karnival u l-mistennija ta' l-ewwel tas-sena.

Minn żmien żemżem kienu ilhom il-Maltin, fil-ġranet tal-Karnival, jedhew u jagħmlu għors bl-hekk imsejħa *qarċilla*, drawwa qadima li sa mitejn sena ilu kienet għadha ħajja fost il-Maltin. Kienu jagħmlu għarusa ta' l-għaġina, kollha lbies u tiżjin sabiħ fuqha, u jqegħduha f'ġewlaq żgħir li kien jitwieżen fuq ras ta' wieħed maskarat li f'idejh kien ikollu kagħka kbira, *il-qarċilla* ta' l-għaġina wkoll. U warajh kien ikun hemm poplu sħiħ, min idoqq, min jiżfen u min igħanni. Kienu jgħaddu mat-toroq u jieqfu f'kull kantuniera; imbagħad wieħed kien jagħmilha ta' nutar u jaqra taparsi kitba taż-żwieġ, miktuba f'versi mqabbla bil-Malti, mimlijin ċajt u żufjett, u kienu jibqgħu sejrin hekk b'dan l-att xeniku sakemm fl-aħħar, wara li jkunu sikru, iqattgħu l-għarusa bċejjeċ, jikluha u hekk tispiċċa l-qarċilla.

*ikompli f'paġna 4*



Ħajr: Paul Asciak



LAĦĦAR TAS-SENA

FARSA DI P. P. C.

ALLA

Compagnia filodrammatica

VITTORIOSA

MALTA
30 Decembre 1856.

**In-nobbli wkoll kellhom l-opra bħala għamla "oħra" ta' drama.**

Dan li għedna ħadnieh mid-dizzjunarju manuskritt ta' De Soldanis,[1] li niżżel dak li kien isir fi żmienu, ftit iżjed minn mitejn sena ilu. Ma rridux wisq biex naraw illi f'din il-qarċilla kien hemm xi elementi primittivi ta' drama li juru l-qedem tagħha. Għandna att xeniku li kien jingħata fil-kantunieri tat-toroq, fil-beraħ, quddiem kulħadd; għandna wieħed maskarat iġorr l-għarusa; għandna oħrajn jagħmlu l-parti tagħhom — min ta' nutar u min ta' xi ħaġa oħra, u fl-aħħarnett, qabel jispiċċa kollox, xengil u agħjat — u jsir is-sagrifiċċju ta' l-għarusa. Fi ftit kliem, għandna hawn l-azzjoni, li hi ż-żerriegħa jew il-ħmira ta' kull drama, b'persunaġġi ħajjin u oħrajn sostitwiti minn xbieha.[2]

B'xorti tajba, sibna min kien l-awtur tal-versi burleski li kien jaqra n-Nutar f'dan l-att xeniku. Dan kien Felice Demarco, qassis imwieled Bormla fid-9 ta' Novembru, 1713. Fil-manuskritt fejn sibna dan iż-*Żwieġ la Maltija*[3] hemm imsemmi li s-sena kienet l-1760, u għalhekk nistgħu ngħidu li kien miktub f'dik is-sena jew qrib ħafna lejha. Biex nagħtu idea ta' l-istil u l-kontenut ta' dil-kitba bikrija, inġibu silta mill-inventarju tad-dota moqri min-"Nutar":

*Tagħtih raddiena mingħajr medda*
*u tużżana lożor ta' nofs kedda,*
*u pannell ta' l-ewwel xedda.*
*Ukoll tagħtih il-mobbli u l-istabbli*
*biex xħin jimrad ma jmurx il-Kurabbli...*
*ukoll tagħtih flixkun u qarraba*
*li kienu t'ommha t-tallaba*
*u tużżana nkwatri kull wieħed daqs qanniċċ*
*ma fihom u la xoqqa u lanqas gwarniċ,*
*pinġuti b'pinna fina*
*li kienu qamulu inqas minn ċinkwina,*
*u tagħtih inkwatru ieħor indurat*
*li fih pinġuta l-arma ta' l-ifrad,*
*u għandu hedan l-inkwatru*
*iżommu fuq il-bieb*
*biex ikun l-arma tiegħu ta' ħbieb...*[4]

Fis-Seklu 18 ukoll f'lejlet l-ewwel tas-sena kienet għadha ssir drawwa ġejja mill-qedem — *il-Qarinża* — li fiha elementi ta' dramm primittiv mibni fuq il-ġrajja ta' l-istaġun fl-aħħar tas-sena. F'dik il-lejla kienu jiltaqgħu xi nies bi strumenti tad-daqq primittivi u joħorġu mat-toroq iduru, idoqqu u jgħannu; jieqfu quddiem id-djar ta' nies li jistgħu ħalli jixtequlhom is-sena t-tajba u erħilhom iqabblu u bl-għana tagħhom igħollu sas-smewwiet l-egħmil it-tajjeb u t-tjubija ta' dawk il-familji, l-aktar jekk kienu jagħtuhom xi ħaġa tal-flus. Imma bil-maqlub, jekk ma jagħtuhom xejn, kienu jaqilbu l-għana tagħhom u flok tifħir jibdew jikxfulhom agħwarhom bit-tqabbil, barra li jċappsulhom biebhom bil-faħam jew bil-ġmied jonkella bin-nugrufum.

In-nies tal-Qarinża kienu jġorru magħhom żewġ trajbi jew pupazzi tat-tiben li juru Raġel u Mara. Jieqfu quddiem il-bieb u wara li jgħannu taqbiliet ta' tifħir kien isir bħal djalogu bejn dawk tal-Qarinża (Q) u s-Sultan (S) jew mexxej tagħhom:

*Q. Ġejna tal-Qarinża wara biebek,*
*Agħtina minn dak li għandek.*

*S. Is-sena għaddiet!*
*Is-sena t-tajba!*

*Q. Is-sena bdiet!*
*Għandna trajba* (tarbija ġdida, i.e. sena ġdida)
*It-Trajbu miet* (i.e. is-sena l-qadima)

*S. Ifirħu!*
*Il-Qarinża ġiet!*

Dawk ta' ġod-dar kienu jilqgħuhom u jdaħħluhom ġewwa. Imbagħad wieħed minn tal-Qarinża kien jinxteħet minn tulu fl-art u jilgħabha ta' mejjet. Is-"Sultan" imur jerfa' d-driegħ ta' dak li taparsi mejjet u jagħmel mossa biha biex bħal jagħtiha 'l dan jew lill-ieħor. Imbagħad jaqbadlu sieqU u jagħmel l-istess, u wara, naħiet oħra tal-ġisem. Sadattant lil tal-Qarinża kienu jagħtuhom ikel u xorb kemm iridu. Meta mbagħad il-kap tal-familja kien jagħtihom xi flus, jew xi ħobża, eċċ., il-"mejjet" kien jirxoxta u jqum mill-art, u hu u sħabu joħorġu 'l barra u jmorru jagħmlu l-istess xena f'xi dar oħra fil-qrib. Dan kien isir fil-kampanja biss; fl-ibliet ma kenux jafu biha.[5]

Kulħadd jagħraf li kien hemm element ċar ta' dramm popolari u primittiv f'din id-drawwa. Xi ftit ta' djalogu, rappreżentazzjoni simbolika tal-mewt, jew tmiem, tas-sena l-qadima, l-għotja tal-flus, u fl-aħħarnett, il-pupazzi bħala xbihat ta' raġel u mara li aktarx fil-qedem kienu jkunu nies veri — dawn kollha juru li fil-Qarinża kien hemm il-fdal ta' dramm primittiv marbut ma' l-istaġun u mnebbaħ mit-tmiem tas-sena u l-bidu ta' oħra ġdida.[6]

Min-naħa l-oħra nafu li fl-ibliet, sa mill-1660 u qabel ukoll, kemm fil-Berġa ta' l-Italja u band'oħra, kienu bdew isiru rappreżentazzjonijiet ta' kummiedji u opri mill-Kavalieri, u xi drabi wkoll mill-Maltin u minn xi qassisin. U fl-1706 l-opri teatrali kienu bdew isiru għall-pubbliku fejn sa ftit snin ilu kien hemm il-*Main Guard.*[7] Wara li fetaħ it-Teatru Manoel f'Jannar tal-1732 it-tradizzjoni drammatika f'Malta kibret u ssaħħet. F'Mejju tal-1759 fil-Manoel inħadmet kummiedja ta' Goldoni, jisimha *La Finta Ammalalata*, u sena wara fl-istess teatru saret għall-ewwel darba kummiedja msejħa *Il Volone*, maħduma minn ħafna ekkleżjastiċi u kjeriċi quddiem l-Isqof Rull.[8]

Ma kenitx ħaġa rari li jingħataw ukoll xi rappreżentazzjonijiet sagri fi djar privati jew fit-toroq jonkella f'xi knisja. Hekk insibu li f'Jannar ta' l-1762 inħadmet mit-tfal ġewwa dar privata rappreżentazzjoni tat-Twelid ta' Kristu,[9] u fl-20 ta' Frar, 1762, li ħabat Sibt il-Karnival, saret rexta ta' kummiedji fil-kor tal-Patrijiet Minuri Osservanti tal-Belt, jisimha *Il Diavolo Predicatore.*[10] Fl-20 ta' April, 1762, il-Kjeriċi ta' San Pawl bdew jagħtu opra sagra fuq San Ġwann Battista fit-Teatru Manoel, u fis-16 ta' Jannar, 1755 ġewwa l-Birgu xi kjeriċi, biex igħaddu ż-żmien huma, u jagħtu pjaċir lill-poplu u lill-Kleru, ħadmu kummiedja msejħa *Il Pazzo per Forza*, imgħallmin u mmexxijin mis-Sur Vincenzo Griscti, Kanċillier ta' l-Inkiżitur, u dil-kummiedja saret f'post ħdejn il-Ħabs ta' l-Isqof fejn kienu jsibuh bħala l-abbatija l-Qadima.[11]

S'issa l-kummiedji kienu aktarx dejjem bit-Taljan, u riedu jgħaddu bosta snin sakemm il-Malti ġie f'tiegħu fuq il-palk. Tassew li fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi u fl-ewwel żmien tal-Ingliżi aktarx li kienu ngħataw xi kummiedji bil-Malti fit-Teatru Manoel,[12] imma ried ikun Luigi Rosato (1795–1872) biex ta xejra kbira ħalli l-Malti jieħu postu flimkien mat-Taljan u l-Ingliż bħala lingwa tal-palk.

Minn tagħrif li tana snin ilu Ġużè Gatt, meħud mill-istorja tal-Manoel bejn l-1800 u l-1821, li kellu lesta, nafu illi Rosato ġie skritturat l-ewwel darba

ma' l-Impriża tal-Manoel fl-1821. Intrabat mit-12 ta' Marzu sat-12 ta' Ġunju bħala Prim Korist u persunaġġ tal-kumpanija, bil-mużika, bil-patt li jkanta u jippreżenta ruħu f'dil-kwalità fl-ispartiti ta' l-opri bil-mużika, kemm buffi Naplitani kemm serji, semi-serji, u oħrajn. Ħlas kellu 20 skud fix-xahar, u kera frank, inkella żewġ skudi oħra minflok. L-ilbies ta' karattru jew oltramontan kellu jkun spejjeż ta' l-Impreżarju, u l-ilbies l-ieħor żgħir u la Franċiża għal Rosato. L-ilbies żgħir kien bħal kalzetti, żarbun u hekk, waqt li l-ilbies la Franċiża kien, ngħidu aħna, bħal meta wieħed jidher la pajżana, bla ebda karattru. Fil-kuntratt hemm li ġie skritturat Wiġi Rosato, bin Ċikku, minn Bormla, u għalhekk naħseb li kien minn Bormla, iżda meta ġie skritturat kien joqgħod il-Belt, u mħabba f'hekk aktarx li ħa żball in-Nutar u għamel li hu "mill-Belt".

Fil-*Gazzetta tal-Gvern* tat-13 ta' Ġunju, 1838 ħareġ avviż li fis-16 ta' l-istess xahar kellha ssir is-serata ta' Luigi Rosato fil-Manoel, li fiha kien se jkun hemm rappreżentazzjoni speċjali bl-ilsien Malti.[13]

Sal-1849 Rosato kien għadu jidher fuq il-palk tal-Manoel, u fis-serati li kienu jingħataw b'riżq l-artisti Rosato kien ikanta xi dwetti jew jaħdem xi farsi bil-Malti li biċċa minnhom kien kitibhom huwa stess. Hekk, fl-1846, fis-*Serata S. Vinco*, kien hemm dwett bil-Malti — parodija ta' Luigi Rosato; fl-1847 għas-*Serata Malegricci* nstema' dwett bil-Malti ta' Wiġi Rosato; fl-1849, għas-*Serata Leonardis* inħadmet farsa bil-Malti, bil-mużika, ta' Wiġi Rosato; u fl-1852 għas-*Serata Fischietti* saret farsa jisimha *Ix-Xiħ bla Dehen*, ta' Wiġi Rosato. Farsi oħra ta' Rosato kienu dawk jisimhom *Zinzi, Zanzu u Zonzu*, *L-Andar ta' Summiemi*, u *Żanu Migdum mit-Trenta*.[14] Imma tneħħi l-farsi, Rosato kiteb ukoll dramm patrijottiku jismu *Katerina* stampat fl-1847, li huwa meqjus bħala l-aħjar xogħol tiegħu. Barra mit-teatru, Rosato kien ikanta wkoll fil-knejjes, imma l-ġibda tiegħu għall-palk ma naqset qatt u fl-1864 insibu li kellu f'idejh teatrin fil-Belt, kif għad insemmu iktar 'il quddiem.

Sa minn ħafna snin qabel dan, Rosato kien ilu magħruf bħala bniedem li bil-ħila tiegħu kien refa' ġieh l-ilsien Malti fuq il-palk. Fil-15 ta' Ġunju, 1844, fit-23 ħarġa ta' *Il Malti*, miktub mill-Accademia Filoloġika Maltija, naqraw dan l-avviż li ġej taħt ir-ras *Teatru*: "Il-lejla fit-Teatru ssir xi ħaġa bil-Malti. Xi ħaġa sabiħa u ta' min jixtieqha illi wieħed drabiet jisma' xi ħwejjeġ bl-ilsien tagħna Malti, u dana jidher mill-kotra tan-nies li tmur it-Teatru kull meta xi ħaġa bil-Malti tintgħamel. Drabiet oħra s-serata Maltija kienet tkun ta' Wiġi Rosato, iżda dis-sena sejra ssir għal waħda sinjura Maltija. Ma hix ta' min jitlifha l-lejla: jagħmlu s-serata d-dilettanti, kollha ħbieb tagħna, u fosthom ikun ukoll Wiġi Rosato, illi f'waħda mill-farsi għandu jagħmel ta' Avukat Malti ta' żmien ilu, u ngħiduh bla biża', Rusatu jkollu wisq taħbit ta' l-idejn... Wieħed ħabib tagħna, billi fehem illi s-serata Maltija kellha ssir għal Wiġi Rosato, kien kiteb għal dana t-taqbila li ġejja."

F'din it-taqbila l-kittieb jibda biex igħid illi hawn Malta hawn tliet ilsna — il-Malti, l-Ingliż u t-Taljan, u li fit-teatru kien jintuża t-Taljan u xi drabi l-Ingliż. Imbagħad isemmi l-Malti u jinfexx hekk:

*U bil-Malti?... għala, għala*
*Ma għandniex nisimgħu wkoll?...*
*Għandna lsien daqs l-oħrajn kollha*
*Li niftiehmu bih ilkoll.*

*Min ma jafx mela dawk l-ilsna*
*Għandu dejjem ma jifhimx?...*
*X'għandu jagħmel dak l-imsejken*
*Illi skola ma tgħallimx?*

*Lil min ħaseb f'din il-ħaġa,*
*Lil min bdieha tifħir nagħtu;*
*Il-Lsien Malti fit-Teatru*
*Kien li bdieh Wiġi Rusatu.*

*Malta mwieled, iħobb lilha,*
*U 'l uliedha w l-ilsien tagħha;*
*Bil-kliem tiegħu, kitba, għana*
*Biss ifittex li jsebbaħha.*

U iktar 'il quddiem insibu din l-istrofa wkoll:

*Iżda l-lejla Malti bħalna*
*Fit-teatru ser jidhrilna,*
*Ħadem, ħabrek daqskemm sata'*
*Biex 'il qlubna hu jferrħilna.*

Mid-dramm storiku *Katerina*, li semmejna qabel, nisiltu biċċa mit-tieni dehra fejn hemm djalogu bejn Bertu u Kozza, missier u omm li t-tnejn jinsabu mgħollija għal binhom għax ma jafux x'sar minnu wara miġja tat-Torok f'Malta. Ninnutaw mill-ewwel li, bħala dramm, *Katerina* għandu iżjed mertu storiku milli letterarju, għax hu l-ewwel wieħed li nafu bih stampat.





IL CONGRESS TAS-SEFTURI

COMMEDIA IN TRE PARTI

DI

P. P. C

L'AZIONE SUCCEDE NELLA VALLETTA.

PAR. I. nella Barracca TaFuk. ore 6 a.m.

PAR. II. in una camera presso Porta Reale " "

PAR. III. in casa del Barone Flavio 3 p.

EPOCA ATTUALE

DAL TEATRINO
Della
Compagnia Filodrammatica Vittoriosa.
1.o Gen. 1850.



Hajr: Paul Asciak

Dehra oħra tad-"drama" tan-nobbli — l-opri. Fir-ritratt jidher it-tenur Paul Asciak.

*ikompli f'paġna 23*

# IL-POEŻIJA DWAR IX-XJUĦIJA U L-PROXXMU BATUT







**Aqra l-lirika tiegħu, ibda mill-bidu, imxi magħha, lirika wara l-oħra kif issibhom kronoloġikament f'*Poeżiji*, ibqa' sejjer b'dak li xxandar wara mewtu, u tistħajlek tara u tisma' t-traġedja tal-poeta miexi minn konflitt għal ieħor, b'ritmu varjat, b'tensjoni li terħi u tiħrax, tiħrax u terħi, imma mkaxkar dejjem lejn il-*climax* riesaq. Il-ħajja nisġitlu dramm perfett, u b'id ta' mgħallma waqqfet il-pass drammatiku, ħolqot interludju ħieni, xi drabi għal żmien qasir saħansitra umoristiku. Għandna l-*anti-climax* ta' raġel li, wara espressjoni konsistentement u insistentement drammatika tul snin twal ta' ħajtu, f'daqqa waħda jibdel it-ton, isir ferrieħi, daħkani; iż-żagħżugħ li xjieħ qabel il-waqt jinbidel f'raġel li sar tifel mill-ġdid, jitlaqlek b'mixja qabbieża għal għonq it-triq u jgħanni:**

*Għad nerġa' għat-triq it-twila*
*Li ma twassal għal imkien;...*

*Għad nerġa' nħoss fuq fommi*
*Il-bews ħelu ta' l-irjieħ;...*

*'ma nibqa' dejjem sejjer*
*Fit-triq twila ta' l-imkien...*

Fir-ritmu ta' din il-lirika, tħoss saħansitra kif Rużar Birffa sar fis-subkonxju tiegħu tifel mill-ġdid, ħieles minn kull sens jew piż ta' responsabbiltà, li joħroġ jitliegħeb bla kont ta' l-imgħoddi u bla ħsieb ta' li ġej. U sadattant, bħalkieku fi dramm, l-udjenza tistrieħ mit-tensjoni, u titħejja għall-kriżi li sejra tfaqqa' bla maħsub u teħodna b'ġirja tal-ġenn minn karba għal oħra, ilment għal ieħor, espressjonijiet bla mirquma, bla mitmuma, minn għajta mbażżgħa għal ilfiqa ta' raġel mirbuħ, sax-xenqa kbira u ħalliema tal-"Ballatella tal-Funtana", u ... l-mewt.

Fl-10 ta' Lulju, 1961 infetaħ l-aħħar att bl-emoreġija u l-konferma li Rużar Briffa kellu kanċer fi grieżmu. Sebat ijiem wara, kiteb f'"Il-Każin Malti", dwar ix-xjuħ li

*Iħarsu lejn iż-żgħażagħ*
*bil-għaġla għaddejjin.*

— ix-xjuħ li

*fi żmienhom mexxew Malta*
*Imm' issa minsijin!*

Darba minnhom, hekk kif feġġejt mill-uffiċċji tat-*"Times of Malta"*, rajtu għaddej b'mixja mħassba, minn fuq il-bankina biswit, b'ħarsa kiebja, għajnejh mitfugħa lejn l-art. Naħseb li kien ġej mill-Barrakka ta' Fuq, fejn kien iqatta' tant sigħat. Lili ma ranix. Kont ser inwaqqfu, imma xi ħaġa — kienet bixritu jew kien xi ħjiel ta' niket li lmaħt fih — żammitni. Ftit jiem wara smajt x'kien laqtu.

Madwar sena wara jidher li qalbu kienet inħallet mir-rabta ma' din il-ħajja. B'ton mużikali, mill-ġdid b'ritmu qabbieżi, jiftaħ "Esperiment fil-Poeżija Moderna" bl-istedina biex "immorru lejn Bufies / Minn fejn ma jiġux nies". Dawn li weqfin fl-"issa" biss ilkoll mejtin, imma f'Bufies ngħixu għax nittamaw sħiħ fil-ġejjieni. Imma jista' jkun li, sewsew ġimagħtejn wara, huwa jara lilu nnifsu meta jitħassar lill-protagonista fi "Klement Vjolinist", l-"ex-Maestro Clemente de Monte Real":

*Illum...*
*Klement vjolinista*
*Fit-triq tal-baħrin,*
*Klement pupletku*
*Iħanxar vjolin.*

Kif qaltli bintu, meta ħakmu l-kanċer, kien — biex intenni kliemha — "*down-hearted*, tilef l-enerġija". Minn issa sakemm miet, qisu sentejn u nofs wara, ma kitibx għajr seba' poeżiji, għallanqas jekk ma nqisux li, kif huwa probabbli, seta' ħalla xi manuskritti bla dati, bħal, ngħidu aħna, "Ecce Homo". Din il-lirika ma fihiex data, imma hemm fiha kliem li qisu jgħaqqadha mal-marda kiefra ta' l-awtur. L-Ecce Homo "imqarres wiċċu / Bl-herra ta' l-uġigħ", u f'għajnejh għandu "lż-żlieġa tweġġa'" ta' min "jaf l'irid imut ħalli jistrieħ".

Fl-1 ta' Novembru, 1962, lejlet jum il-mejtin, jum evokattiv, kiteb fuq borża tal-pasti, fil-Barrakka ta' Fuq, il-"Ballatella tal-Fontana". Minn fomm il-fontana misterjuża, filgħaxija, jidwi leħen il-qniepen. Leħen it-tempju ilu żmien sieket, imma issa —

*.......... minn ġol-Fontana*
*Mill-ġdid il-Liturġija.*

Il-qniepen qegħdin iħabbru Jum il-Mejtin Kollha, li jasal l-għada. Mat-tifkira tal-mejtin u l-mewt, dlonk jiġu fil-moħħ l-assoċjazzjonijiet ta' staħjil u immaġinazzjonijiet misterjużi — ċimiterji, sħarijiet tal-qamar, żfin fl-alkovi mudlama. Min jaf x'kellu f'rasu Rużar Briffa meta kiteb din l-aħħar stanza! Tgħid kien ihewden fuq il-misteru, il-baħħ tal-mewt riesqa? Din l-istanza lili tfakkarni u ttennili s-seħer kiebi tad-*Danse Macabre* ta' Saint-Saens, bl-għadam iċekċek, bit-twerżiqa skordanti tal-vjolin fit-tmiem. Jew ma nagħmlux li għandna hawn ri-evokazzjoni ta' "Mirja, Mirja, Mirja"?

Li kien possibbli nistaqsuh x'ried igħid sewwa meta kiteb din il-poeżija, aktarx li kien iwieġeb, "Min jaf!", bħalma wieġeb meta Ġużè Aquilina, f'intervista rrekordjata li għamillu fl-Università xi sena qabel miet, staqsieh min kienu x-xjuħ ta' "Mirja, Mirja, Mirja". Madankollu, il-qniepen ifakkru f'dawk li waslu fil-Preżenza Divina, wara żmien ta' skiet jinstama' mill-ġdid leħen il-fidi; u ma' dan it-tnehida tal-bniedem ħaj fil-mewt, imċaħħad mill-ħlewwiet tal-ħajja — ilħna li jfeġġu kollha mill-

*Fontana misterjuża*
*Ta' ħolm u ta' xewqat —*

minn din il-ħajja misterjuża li tħallmek bl-ideal u tħallik tixtieqi. Dan ir-ritornell m'hux għajr għajta patetika lill-ħajja biex trodd dak li twiegħed. Imma l-ħolma tibqa' xewqa — ħelwa għax imġarrba u mixtieqa, morra għax ma sseħħ qatt. Xewqa li tisfa' xewka.

L-aħħar għajta ta' Rużar Briffa, mgħattan mill-ħajja, imxennaq għalxejn biex jara l-ħolm iseħħ, nistħajjilha l-aħħar għajta ta' Oswald lil ommu fi tmiem id-dramm ta' Ibsen, hekk kif dehnu qed jitilqu: "Ix-xemx — ix-xemx..."

Lejlet jum il-mejtin ta' l-1962, Rużar Briffa semma' l-aħħar ilment tiegħu. Għaliex dan l-uġigħ? Għaliex dan iċ-ċħid? X'ikun dan il-misteru? Imma l-Liturġija ġdida tidwi fil-moħħ tal-poeta li qal lil Ġużè Aquilina fl-intervista li għamillu, "Jien introvert, imma Nisrani, u nemmen fil-ħajja li ġejja".

Nitħajjar ngħid: imbagħad is-skiet. Imma Rużar Briffa ma jiskot qatt, għax Rużar Briffa leħħen l-ilment, u x-xenqa, beka t-tnehida, xerred id-demgħa ta' kull maħluq.

ĠUŻÈ DIACONO

# ĠORĠ PISANI



## BEJN L-ARTI U L-ĦAJJA

Pisani jara rabta kbira bejn l-arti u l-ħajja. Il-poplu għalih huwa l-poeta u Pisani jrid jitgħallem minnu. Fil-ħarsa tiegħu lejn l-Istorja l-imgħoddija nsibu żewġ għamliet ta' eroj: l-eroj *kollettivi* li jidhru fl-aħjar burdata tiegħu bħala "l-uċuħ tar-rġiel qawwija" ("Il-Kastell t'Għawdex", p. 51) b'varjazzjoni dgħajfa tat-"tajfiet Maltija" ("La Valette", p. 59), u l-eroj *individwali*, bħal Vassalli u La Vallette. Vassalli huwa "l-ewwel missier tagħna" ("Lil Mikiel Anton Vassalli", p. 39) u La Vallette "liebes l-azzar... b'ħarsa setgħana" (p. 59). L-immortalizzazzjoni tagħtihom il-ġieh li jistħoqqilhom għax huma jiġbru l-kobor nazzjonali. L-imgħoddi tagħhom isir attwali fil-ħajja ta' llum. F'din ir-ri-inkarnazzjoni Pisani jitkellem mal-qabar ta' Vassalli, għax "jifraħ illum ġo qabrek l-għadam tiegħek" u mal-personalità qalbiena ta' La Vallette "ma' rasu raxxa dija" u mal-qalbiena siekta ta' l-Għawdxin fuq il-Kastell ta' Għawdex li, kif igħidlu, "surthom tiġi żżurek". B'hekk għalkemm mejtin fiżikament għal mijiet ta' snin, xorta jibqgħu ħajja spiritwalment għax josservaw l-Istorja tal-ġenerazzjonijiet ta' warajhom, fosthom tagħna. Il-qabar fejn qegħdin midfuna jew is-swar fejn mietu jinbidlu u minn "ċimiterju" jsiru maqdes ta' importanza nazzjonali: ħajjithom isseddqet fuq l-artal tas-sagrifiċċju u jsiru simboli dejjiema tant li bl-eżempju tagħhom għandhom il-jedd iwiddbuna kontra l-bruda kiefra tagħna lejn il-glorja nazzjonali.

*U fuq wiċċ [La Vallette] li qatt ma ra tbissima*
*Dehret ċanfira għal din l-art rebbieħa*
*Li b'ġebla waħda biss ma tatux qima.*

("La Valette")

Dan il-motiv tan-nuqqas ta' xhieda konkreta bħala apprezzament lejn l-eroj kienu diġà ħaddmuh qabel Pisani Ġan Anton Vassallo fil-poeżija "Is-Sultan La Valette lill-Belt Valletta" u Dun Karm fis-sunett "Għal Dun Mikiel Xerri".

Bħala romantiku Pisani jippreżenta lilu nnifsu bħala profeta għall-ġenerazzjonijiet ta' żmienu. Il-Maltin hemm bżonn jagħrfu l-identità tagħhom, hemm bżonn iħarsu lejn l-Istorja fejn hemm il-verità konkreta u hemm bżonn ukoll ma jarmux il-wirt li għandhom tal-kobor nazzjonali f'missirijiethom. F'dan il-wirt hemm l-erba' aspetti tipiċi tar-romantiċiżmu Malti: il-qima lejn *il-lingwa*, lejn *il-bandiera Maltija*, lejn *ir-reliġjon* u lejn *il-folklor*. Fil-lingwa hemm il-mezz effettiv ta' l-għaqda nazzjonali, il-bandiera hija s-simbolu li jagħmel ġieh lill-Maltin bħala l-wirt ta' kulħadd għax bih ningħażlu minn pajjiżi oħra, ir-reliġjon toħroġ l-aktar fil-ġlieda insistenti bejn it-tajjeb u l-ħażin għax l-Istorja jagħtiha interpretazzjoni politika-reliġjuża fejn Alla jkun il-Mexxej dejjem preżenti, u fil-folklor, l-aktar b'referenza diretta għall-folklor Għawdxi, hemm l-awtentiċità, in-naturalezza primittiva, l-identità safja li tagħżel lill-patrija minn popli oħra. Il-poeżiji "Lill-Ilsien Malti" (p. 55), "Il-Bandiera Maltija" (p. 95), "Malta Biss" (p. 36), "Quddiem il-Ġgant tal-Palazz" (p. 48) u "San Girgor f'Għawdex" (p. 84) għandhom relevanza kbira fuq hekk. Fejn ma hemmx ilsien ma hemmx nazzjon, l-abjad u l-aħmar tal-bandiera jissimbolizzaw in-nobbiltà tas-sagrifiċċju nazzjonali, l-Istorja ta' Malta hija taqbida iebsa ta' nazzjon u fl-ispettaklu folkloristiku ta' San Girgor hemm deskrizzjoni ħiemda u hienja mbiegħda mill-inkjesta soċjali tal-kondizzjonijiet tal-bdiewa imma li madankollu tfakkar f'missirijietna anonimi li kienu jgħixu b'istintività uniformi.



# TABERNAKLI

**Din l-antoloġija ta' Mario Azzopardi saret magħrufa għal żewġ aspetti ewlenin, jiġifieri għas-sens ta' ġest ritwali li fiha u għall-enfasi li ssir fuq il-femminilità. It-tielet parti tal-ktieb (Azazel) hija importanti ħafna fil-kuntest ta' poeżija nazzjonali moderna, imma għall-finijiet ta' eżami, qatt ma ħarġet mistoqsija waħda dwar din it-taqsima. Għalhekk, hawnhekk jien se nikkonċentra fuq iż-żewġ punti tar-ritwal u tal-femminilità.**

**Il-ġest ritwalistiku f'*Tabernakli* huwa espressjoni penitenzjali ta' ħtija — ħtija personali u ħtija kollettiva. F'din l-antoloġija hemm ġibda kbira lejn l-aspett mistiku tar-reliġjon u l-poeta donnu li jrid jibbilanċja aspetti tal-Kristjanità purifikata (mingħajr l-idolatrija falza tal-festi esterni u sentimenti devozzjonali superfiċjali) u ta' Reliġjonijiet Orjentali, l-aktar tal-Buddiżmu. Fil-fatt, fir-Reliġjonijiet Orjentali nsibu enfasi qawwija fuq l-element mistiku, waqt li f'dawk Semitiċi tinħass l-iktar l-enfasi profetika. Tajjeb nindunaw li f'*Tabernakli* dawn iż-żewġ elementi l-ħin kollu għaddejjin ras imb'ras.**





It-twemmin orjentali reliġjuż ħafna drabi għandu x'jaqsam mas-sejba ta' l-Assolut permezz ta' tisfija personali mid-distrazzjonijiet u mill-impurezza li ma jħallux lir-ruħ tingħaqad ma' l-Assolut.

Mill-banda l-oħra, Azzopardi tgħammed bħala Nisrani u għalhekk ma jistax jonqas illi fih għad baqa' ħafna egħruq li jorbtuh mat-twemmin oriġinali tiegħu. Dan nistgħu nixhduh mhux biss minn ħafna kliem meħud direttament mill-Bibbja jew mil-liturġija Nisranija, imma anki mix-xbihat ta' spiss penitenzjali li hemm fl-antoloġija. Tajjeb li wieħed jiftakar kemm huwa fundamentali fit-twemmin Nisrani l-ħsieb tal-penitenza, tal-qrara u tat-tpattija. L-"Azazel" stess li hemm fit-tielet taqsima tal-ktieb, għandu tifsir reliġjuż, minbarra nazzjonali — huwa l-annimal tat-tpattija li fuq rasu jinżlu d-dnubiet tal-kotra sabiex tinkiseb il-maħfra.

Il-qofol tar-reliġjożità fl-antoloġija għandu x'jaqsam mat-tiftix bla heda tar-Ruħ li trid tasal għand Alla jew li trid tissieħeb ma' l-Assolut. Il-problema tinsab fil-fatt li, aktar ma r-Ruħ tixxennaq għal Alla (jew għall-Assolut), din is-Sustanza Ewlenija dejjem titbiegħed aktar (ara il-poeżija importanti *Meta Taqta' l-Fjuri*).

It-tieni aspett fundamentali f'*Tabernakli* huwa dak tal-femminilità. Il-poeta juri preokkupazzjoni mhux tassoltu bir-relazzjoni tiegħu ma' mara. Hemm bosta livelli li nnutaw il-kritiċi fuq din ir-relazzjoni. Oliver Friggieri jgħid saħansitra li għal Azzopardi, il-Mara hija sors ieħor ta' reliġjożità. Il-poeta jisħaq ħafna fuq il-*misteru* tal-Mara. Il-femminilità hija meqjusa bħala forza li tiġbed u li tbeżża'. Tidher il-Mara li, minn naħa toffri l-prospett ta' serħan u ta' paċi spiritwali u mill-oħra tqajjem dubji u kriżijiet kbar.

F'*Tabernakli* hemm ir-rabta bejn iż-żewġ istinti ewlenin ta' l-*imħabba* u tal-*mewt*. Fil-milja ta' l-imħabba hemm is-serħan. Mal-milja fiżika ta' l-imħabba hemm ix-xewqa tar-raqda eterna u minn dan l-angolu, il-poeta ta' *Tabernakli*, il-Mugħanni li jkanta għanjiet strambi lill-maħbuba, jirreferi kemm-il darba għall-Mara bħala simbolu tal-imwiet — dirgħajn il-mara jsiru "ċimiteru" u d-dgħajsa ta' l-imħabba hija wkoll id-dgħajsa tal-funeral. Minn dan l-aspett ukoll, il-mewt m'hijiex sors ta' biża' imma destinazzjoni ta' serħan.

Għalhekk, l-esperjenza ta' l-imħabba ssir ukoll vjaġġ. Hija parti mill-"vjaġġ" aktar wiesa' tal-poeta li, matul ħajtu, qed jipprova jidentifika lilu nnifsu ma' dawk li jbatu. Il-poeta jinsisti li anki l-esperjenza ta' l-imħabba hija waħda ta' tbatija u għalhekk hija parti mill-vjaġġ diffiċli lejn l-unità essenzjali, lejn l-Assolut. Il-mara kif tidher f'*Tabernakli* kienet diġà għamlet l-ewwel dehra tagħha f'poeżiji bikrin ta' Azzopardi, fosthom fil-poeżija *It-Tfajla tal-Muntanja*, li l-kritiku P. Serracino Inglott igħid li tirrappreżenta lill-Kożmos.

Meta nitkellmu fuq il-ġestwalità fil-poeżija ta' *Tabernakli*, ta' min iżomm quddiem għajnejh li l-poeta huwa wkoll direttur tal-palk u għalhekk, għalih, iċ-ċaqliq huwa ta' importanza kbira. Kien hemm kritiċi li għarfu li l-insistenza fuq id-djalogu drammatiku f'diversi poeżiji ta' Azzopardi, kif ukoll ċerti effetti tal-ħoss u lwien fid-deskrizzjoni huma r-riżultat ta' l-esperjenza teatrali li għabar il-poeta matul is-snin. Minn hawn ukoll ġejjin il-pawsi ġodda li hemm fil-poeżija ta' Azzopardi. Qabel, huwa kien jimxi ħafna mat-teoriji ta' Charles Olson dwar il-poeżija spontanja, dik maħduma bil-*projective verse*, imma fl-aħħar antoloġiji tiegħu, il-poeta juri inklinazzjoni kbira biex jirrevedi u jorqom id-dettalji.

CHARLES MANGION

*Nota:* Dan l-artiklu tfassal fuq in-noti li ħareġ Joe Friggieri dwar *Tabernakli* (pubblikazzjoni PEG Ltd, 1985).



# XI LIVELLI F'ŻEWĠ DRAMMI TA' EBEJER

**Id-dinja ta' llum tinsab mhedda minn kull xorta ta' għelt, l-iktar il-problemi nukleari u ekoloġiċi. Għalhekk iktar minn qatt qabel il-letteratura u l-arti l-oħra ma jiswew xejn jekk ikunu biss dekorattivi jew sempliċement għall-passatemp, bla kumment serju intrinsiku jew le, fuq il-qagħda umana.**

Fin-nofs hemm id-destin tal-bniedem. Jekk il-qirda hemm periklu li sseħħ, u minn idejna stess, hemm bżonn li nifhmu aktar lil xulxin biex nagħdru u nħobbu, u b'hekk inbiegħdu l-apokalissi.

M'hux biżżejjed li noqogħdu niflu dramm biex naraw hux naturalista jew realista, espressjonista jew impressjonista, eċċ. Dan it-taħriġ biered forsi jiswa għal xi ħaġa f'dik li hi analiżi teknika. Iżda ż-żmien imwiegħer li fih qegħdin ngħixu ma jippermettilniex li nitnikkru wisq milli nersqu aktar mill-qrib lejn dramm bħala mikrokożmu tal-ħajja u l-karattri bħala nies tad-demm u l-laħam maqbudin f'ċirkustanzi partikulari.



Permezz tagħhom aħna nkunu qegħdin naraw lilna nfusna, kemm soġġettivament u oġġettivament, bil-virtujiet u d-difetti tagħna. Il-bniedem u n-natura umana għandhom jitqiesu bħala bil-wisq aktar importanti minn kull teknika, jew, jekk niġu f'dan, minn kull teknoloġija.

Bis-saħħa ta' dramm xi ħaġa għall-ġid għandna nitgħallmu fuqna nfusna. U dak li nitgħallmu naqsmuh ma' oħrajn. Qabel ma jkun tard wisq!

FRANCIS EBEJER

**(1) Realistiku/Naturalista**

*Il-Ħadd Fuq il-Bejt:* Rita tlum il-fatt li m'għandhiex ulied. Il-frustrazzjoni tagħha tixħitha fuq żewġha Paul. Jinqala' t-tilwim serju bejniethom. Jiġu jżuruhom koppja ħbieb antiki ta' Rita. Lil dawn hi tipprova tbegħedhom minn Paul għax, kif tgħid hi, huma aktar tal-klassi tagħha. Waqt din id-drama li qiegħda titwettaq fuq bejt San Ġiljan f'jum tal-Ħadd, il-ħajja ta' barra xorta tibqa' għaddejja!

*L-Imwarrbin:* Erbgħa min-nies, ta' età differenti, qegħdin jaħarbu mill-imgħoddi tagħhom fil-kwiet u l-kumditajiet tal-lukanda ta' Rafela. Iżda kollox huwa finta, paraventu li fl- aħħar jitqatta' u jitwarrab fil-ġenb minn żewġ żgħażagħ misterjużi, Andrè u Casta, li jaslu minn barra u lill-oħrajn jikxfuhom ta' li huma.

**(2) Psikoloġiku:**

*Il-Ħadd Fuq il-Bejt:* Rita tħoss ruħha superjuri lejn Paul li trabba f'raħal. Il-vojt li tħoss ġewwa fiha twaħħlu f'Paul li hu bniedem umli, iżda ffissat fuq in-negozju. Il-ħbiberija kważi esaġerata ta' Rita ma' Aldo u Lina sserviha biex tinħeba wara ħajt klassista u superjuri minn fejn tista' twaħħal f'ħaddieħor (Paul) għal dak li jonqosha, l-ulied. Il-preżent qisha ma tistax, jew ma tridx, tifhmu. Qisha trid tgħid: la hemm fertilità fil-flus, mela għax mhux ukoll f'affarijiet oħra?

*L-Imwarrbin:* Hawn jidher l-iktar is-sens ta' ħtija li qiegħda tifleġ lill-imwarrbin. Imbagħad ix-xewqa għall-ħelsien minn dan il-piż, għalkemm jirreżistu billi joqogħdu jippretendu li huma nies mingħajr kumplessi ta' xejn. Jitfgħu l-ħtija fuq ħaddieħor jew fuq iċ-ċirkustanzi. Andrè u Casta huma l-esternazzjoni ta' dik il-verità ġewwinanett li huma ilhom irażżnu sabiex ma toħroġx fil-beraħ u tittorturahom. Il-verità tirbaħ. U issa ... kemm sogħba; kemm tiġdid?

**(3) Emottiv:**

*Il-Ħadd Fuq il-Bejt:* In-negozju jidher li lil Paul għallmu jrażżan l-emozzjonijiet tiegħu. Qisu jinsa li Rita m'hix biss martu iżda hi mara wkoll. Għaliha, l-emozzjonijiet min-naħa l-oħra huma importanti ħafna. Oħtha Marion hi wkoll bniedma emozzjonali imma ta' xejra ribelluża, qishom l-emozzjonijiet huma fi gwerra kontinwa ma' l-intellett. Terfa' l-aħjar emozzjonijiet tagħha għal Paul u għal niesu tar-raħal.

*L-Imwarrbin:* Billi l-ħtijiet tagħhom ta' l-imgħoddi kienu mwaħħda ma' l-emozzjonijiet, lil dawn jippruvaw jostruhom għax jafu li l-verità hi ħaġa waħda magħhom. Iħaddnu minflok l-egoiżmu, l-insularità. L-eċċezzjoni hija Jean li ma tibżax turi emozzjoni; bħalma ma beżgħetx fl-imgħoddi. Għaliha, il-ħajja emottiva hi 'l fuq minn kull ħaġa. L-iktar emozzjonijiet li joħorġu fil-beraħ tul id-dramm, barra dawn, huma ta' kategorija differenti, kważi perversi, u jużawhom konxjament biex iwettqu l-għanijiet ta' moħħhom (l-emozzjoni fis-servizz ta' l-intellett).

**(4) Morali/filosofiku:**

*Il-Ħadd Fuq il-Bejt:* Rita u Paul draw wisq fil-ħajja materjalistika, imqar jekk fil-każ ta' Paul forsi xi ftit inqas. Rita hija prodott ta' valuri materjalistiċi u trobbija mfissda. Is-sens morali tagħha jidher aħjar meta tgħid lil Paul li għadha tħobbu, ukoll jekk biss "bħala ħija". Filosofikament qisha ma tridx tniżżilha li Paul iħares lejha aktar bħala martu milli bħala mara integra. F'Marion hemm xhieda ta' moralità militanti, kważi bigotta, fejn iswed hu iswed u l-abjad abjad; attitudni li tnaqqsilha xi ftit mill-umanità tagħha.

*L-Imwarrbin:* Il-morali ewlenija tad-dramm tinfexx fit-tfittxija għall-ġustizzja, u l-ksib tagħha. Fejn il-moralità tmiss ma' l-integrità personali, Jean l-iktar li tispikka f'din il-ħaġa. Il-morali li tmexxi lil Andrè u Casta, u b'mod ieħor, lil Walter, hija dik ta' mħallef — iżda min hu verament bla ħtija?

**(5) Soċjoloġiku:**

*Il-Ħadd Fuq il-Bejt:* Hemm differenza u sens ta' klassi bejn Rita u Paul li tinfirex saħansitra f'dak li hu għarfien ta' l-arti u l-filistiniżmu; il-materjaliżmu u l-ispiritwalità; preġudizzji soċjali u karità personali; is-snobiżmu u l-mogħdrija lejn kulħadd; il-belt u r-raħal; dawn ta' l-aħħar, kemm flimkien u kemm bħala aspetti soċjali kuntrarji għal xulxin, irawmu l-punt tat-tluq ta' l-argument li fuqu huwa msejjes id-dramm. Minn dan il-punt joħroġ ieħor — dak dwar ir-relazzjonijiet bejn il-mara u r-raġel inġenerali — bejniethom fil-privat, u fil-komunità.

*L-Imwarrbin:* Hemm l-egotiżmu ta' dawn in-nies li dawru daharhom lejn is-soċjetà, lejn il-komunità. Fir-relazzjonijiet imqallba ta' bejniethom hemm mikrokożmu tas-soċjetà li ħallew warajhom bit-tajjeb u l-ħażin tagħha. Qishom jinsew li dmir l-individwu m'għandux ikun biss miegħu nnifsu imma wkoll mal-komunità li hu jagħmel sehem minnha.

**(6) Politiku:**

*Il-Ħadd Fuq il-Bejt:* "Il-*background* tagħna" u "il-*background* tagħhom", kif tlissen Marion. Privileġġi u demokratizzazzjoni; mertu personali u klijentiliżmu (ara, Johnny u missieru Karmenu); kummerċ bla qalb u umanitarjaniżmu (ara, Paul u Aldo); valuri tradizzjonali, dawk tajba u dawk ħżiena, u l-moderniżmu u l-progress, dawn ukoll bit-tajjeb u l-ħażin tagħhom (ara, omm Johnny; u omm Rita u Marion).

*L-Imwarrbin:* (ara Il-Livell Metaforiku/Allegoriku).

**(7) Metafiżiku/ Reliġjuż:**

*Il-Ħadd Fuq il-Bejt:* L-akkużi, il-ħtija, is-sogħba, it-tpattija (*ħlas*), il-fidwa (*ħelsien*) isiru kobba waħda biex tinħall fil-jum imqaddes tal-Ħadd li għall-insara hu marbut mat-tiġdid. Mit-tilwim (l-eżami tal-kuxjenza, eżami mqit u diffiċli) li aktar minn kull ħaġa oħra jiswa biex toħroġ il-verità, u permezz t'hekk il-katarsi, kulħadd, l-iktar Rita, qisu jerġa' "jitwieled" mill-ġdid. L-istess antagoniżmu ta' Marion lejn oħtha ironikament isaħħaħ u jseddaq il-proċess, l-aktar fejn tidħol Rita.







# EBEJER



*minn paġna 11*

*L-Imwarrbin:* Hemm tul id-dramm is-sens reliġjuż ta' dnub, ta' ħtija, sogħba, tpattija, fidwa. Fir-ritwal metafiżiku/ parareliġjuż hemm il-prova ta' tixrid ta' demm min-naħa ta' Andrè u Casta. Is-sikkina hija l-metafora ta' strument ta' safa, fil-każ ta' Jean; fil-każ ta' l-oħrajn, is-"sikkina" hija l-kelma–simbolu u l-fakra. Iż-żewġ tipi ta' "skieken" huma l-metafora tal-qrar: jiffunzjona fuq il-psike bil-ħsieb li din tiġi msoffija (ippurifikata) (ara, *Analiżi* vol. I, nru 3, paġ. 6–8).

**(8) Metaforiku/Allegoriku/Analogu:**

*Il-Ħadd Fuq il-Bejt:* Id-diżgwid klassista bejn Paul u Rita huma mera tad-differenzi fis-soċjetà Maltija. Omm Rita u Marion u omm Johnny it-tnejn qegħdin imutu. Malta l-qadima, flimkien ma' xi karatteristiċi tajbin jew ħżiena tagħha, tgħib bil-mod il-mod għal ġol-pagni ta' l-Istorja. Rita ġdida, bħal Marion ġdida, u l-ulied li għad ikollhom Aldo u Lina, huma xbieha ta' Malta aktar aġġornata. L-għaqda aħħarija bejn Rita "tal-belt" u Paul "tar-raħal" turi, f'sens analogu, il-qrubija li jmissha titwettaq bejn kull klassi soċjali tal-pajjiż; hemm ir-rikonċiljazzjoni bejn Paul u Rita; maturità iktar f'Marion.

*L-Imwarrbin:* L-insularità tal-lukanda ta' Rafela hija l-insularità ta' Malta, iżda li ġew "iżuruha" ħafna (kolonizzazzjoni). Il-wied 'il hinn mil-lukanda minn fejn jiġu kull xorta ta' nies, kemm ħbieb u kemm sfruttaturi u "vittimizzaturi" (Andrè u Casta). In-nuqqasijiet, biex ma nghidx id-delitti, ta' Mark, Emanwel u Jean saru ma' barra, iżda xorta ħallew effett fuq il-lukanda/gżira. It-tifkira ta' dak kollu li seħħ qabel, fl-imgħoddi, tiswa għall-katarsi finali, għat-tiġdid, għall-awtonomija u għas-sovranità (personali/nazzjonali).

**(9) Femminista:**

*Il-Ħadd Fuq il-Bejt:* Kemm f'Rita u f'Marion naraw l-isforzi tal-mara biex tkun, u titqies, bħala entità. Hemm ix-xewqa tagħhom li jingħataw l-istess importanza u rispett li l-irġiel għandhom lejn xulxin. Rita ma tridx tkun biss "mart Paul". Trid titqies bħala kreatura emanċipata daqs ir-raġel. Xbieħa ta' dan jagħtuhielna Aldo u Lina li jqisu lil xulxin fuq l-istess livell ... kważi! L-ironija hawn hi li waqt li Rita tiġġieled biex tiġi meqjusa daqs Paul, jekk mhux iktar minnu, Lina spiss tidher lesta li tagħti prijorità lil Aldo! Kemm hu aqwa r-rispett reċiproku minn kull ideoloġija femminista?

*L-Imwarrbin:* Jean trid turi li kellha kull jedd li verament tħobb. Jekk ikollha tpatti u tbati, dan trid tagħmlu bħala bniedma bil-jeddijiet kollha tagħha, u mhux għax hi sempliċement mara. Trid tpatti għan-nuqqasijiet tagħha mingħajr indħil barrani. L-emanċipazzjoni f'Liża għadha kemm bdiet. F'Rafela, emanċipazzjoni tfisser biss kemm tista' *sservi* lil ħaddieħor – taf li meta tat daħarha lill-imħabba, liż-żwieġ, lill-ulied, kellha tpatti bilfors billi tkun tip ieħor ta' "omm" – tindokra, tfissed, isservi lill-mistednin tagħha/"uliedha", u tilqa' l-inkwiet li jinqala'. L-emanċipazzjoni tagħha għandha sfond aktar morali milli politiku jew sessista.



STORJA TAL-LETTERATURA MALTIJA: 1
minn Catherine Galea



# L-IDENTITÀ TAL-MALTI



Fil-każ ta' Malta, gżira bejn żewġ kontinenti, l-influssi minn ħakmiet barranin kienu kbar ħafna. Biżżejjed ngħidu li l-ilsien li nitkellmu bih sab egħruqu fl-Afrika u fil-Lvant Nofsani filwaqt li l-kultura bid-drawwiet li ngħixu bihom, kellha s-sisien fl-Ewropa. Fi ftit kliem l-identità Maltija tingħaraf f'dan it-twaħħid, li baqa' jinħass sa llum fil-letteratura tagħha li hija wkoll imsejsa fuq il-kultura Ewropea b'kitba ta' oriġni Semitika.

*Il-Kultura u l-ilsien Malti*

Il-bosta ħakmiet li kellha Malta minn għadd ta' pajjiżi wassluha biex tiltaqa' ma' kulturi differenti u distinti minn xulxin. Għalhekk il-poplu tagħha kellu jaddatta ruħu biex jinqeda b'ilsna differenti li jinftehmu ma' tal-ħakkiema tiegħu.

Fil-każ tal-klassijiet għoljin tas-soċjetà ġara li dawn dejjem tgħallmu l-ilsna tal-ħakkiem u użawhom biex barra li jiddistingwu lilhom infushom mill-klassijiet il-baxxi tas-soċjetà, ikunu aktar preferiti mill-ħakkiema bil-għan li jilħqu karigi għoljin fil-ħakma ta' dak iż-żmien. Dan iżda ma nistgħux ngħiduh għal dawk il-Maltin li fi żmien il-ħakma Ingliża riedu lit-Taljan bħala l-lingwa uffiċċjali.

Il-poplu ż-żgħir dejjem baqa' jinqeda bl-ilsien nattiv tiegħu biss, il-Malti, bid-dħul ta' kliem li beda jittieħed mill-ilsna tal-ħakkiema. Kien il-poplu ż-żgħir li żamm ħaj l-ilsien Malti, li minħabba f'hekk baqa' dejjem l-ilsien ħaj distint mill-bqija ta' l-ilsna mitkellma mill-ħakkiema.

Kull xorta ta' lsien li kien mitkellem fostna minn xi ġens ħakkiem, ingħata dejjem il-prominenza fuq il-lingwa tiegħu. Ma riedx jitgħallem il-Malti biex jinftehem mal-poplu.

Madankollu n-nuqqas ta' l-importanza li ngħatat lill-Malti, m'huwiex problema tal-lingwa tagħna biss.

Huma erba' l-fatturi li xekklu l-ilsien Malti milli jinkiteb u jingħażel bħala l-ilsien uffiċċjali ta' Malta:

1. Il-Kultura kienet tappartjeni lill-klassi l-kolta biss, jiġifieri l-klassi li dejjem ħaddnet kulma hu barrani.
2. F'Malta kien hawn nuqqas ta' tmexxija mill-Maltin.
3. Kien hawn nuqqas ta' edukazzjoni.
4. Il-lingwa Maltija ma kinitx tintuża bħala mezz miktub.

Meta dawn l-erba' fatturi ntrebħu maż-żmien, il-lingwa Maltija stabbiliet l-identità tagħha bħala waħda tajba biex tinkiteb fl-iskejjel u fl-Università minħabba li ħafna kliem tekniku għadu ma sabx il-post mixtieq fil-binja u n-nisġa tal-kelma Maltija.

Li l-ilsien Malti waħdu, għadu ma daħalx bħala lsien uffiċċjali tas-Servizz Ċivili għax miegħu jintuża l-Ingliż, huwa fatt. Barra minn hekk m'huwiex l-għodda ewlenija tat-tagħlim fl-iskejjel u fl-Università minħabba li ħafna kliem tekniku għadu ma sabx il-post mixtieq fil-binja u n-nisġa tal-kelma Maltija.

*Kontroversji fuq l-Identità tal-Malti*

Il-lingwi kollha jirriflettu fil-kitba u fit-taħdit l-influwenzi diversi li ddakkru minnhom matul iż-żminijiet. L-elementi tal-lingwa Maltija joħorġu mir-relazzjonijiet li kellha u li għandha ma' bosta lingwi.

Il-lingwa Maltija ġeneralment jiddeskrivuha bħala djalett Għarbi. Nöldeke jsejħilha "rein arabisch" u jpoġġiha fil-grupp Magrebin tal-Punent. Hans Stumme (1904) isejħilha Għarbi-Sirjak, importata fil-gżira wara l-invażjoni tas-Sirja. De Lacy O'Leary (1923) jaħseb li fil-qofol tagħha toqrob lejn il-lingwa ta' l-Afrika ta' Fuq, iżda bi ħjilijiet ta' influwenza Sirjaka. F'fuljett li ħareġ Sir Wm Wilcocks fil-Kajr fl-1926 igħid hekk: "Syria, Egypt, North Africa and Malta speak Punic, not Arabic", biex b'hekk mill-isem jagħti 'l wieħed x'jifhem li l-Malti jixbah lill-Puniku[1] u mhux lill-Għarbi.

Din l-istess fehma jagħtihielna l-Kanonku Ġann Franġisk Agius De Soldanis fid-dizzjunarju manuskritt tiegħu, fid-daħla li semmieha "Lill-Qarrej". Ġann Franġisk Abela jgħid li fil-Malti nsibu xi kliem Grieg,[2] ngħidu aħna bħall-kelma "liti" li tfisser "talb", bħall-kelma "lapsi" li tfisser "tlugħ-is-sema" u oħrajn. Iżda dan l-istudjuż kien jemmen bil-qawwa kollha illi l-Malti tnissel mill-Għarbi. Fix-xogħol tiegħu nsibu li l-Malti jifhmuh fl-Afrika ta' Fuq, fl-Eġittu u fis-Sirja, u bħala lsien kien qarib ukoll tal-Kaldew u tal-Lhudi. Fil-fehma tiegħu l-Malti, kif mitkellem fi żmienu (1582–1655), kien ilsien Għarbi li, wara li l-gżejjer tagħna ħelsu mill-Għarab fl-1090, kien tħassar, sew f'dik li hija fonetika kif ukoll f'dik li hija damma ta' kliem. Dan it-taħlit fi lsienna sar minħabba li Malta kellha rabtiet kummerċjali mal-pajjiżi tal-qrib, jiġifieri l-Italja u Sqallija. Meta Malta ma baqgħetx tinnegozja iktar ma' l-Afrika, l-ilsien Għarbi tal-pajjiż twarrab, flimkien ma' l-użu tiegħu fil-kitba.[3]

Il-biċċa l-kbira tal-vokabolarju ewlieni Malti jista' jinstab bla tbatija fl-Għarbi.[4] Iżda l-istudju etimoloġiku jipprova li ħafna mill-Vokabolarju Malti joqrob aktar lejn l-Għarbi letterarju milli lejn xi djalett mitkellem partikolari. Dan il-fatt jixhed kemm l-ilsien Malti huwa qadim, biex b'hekk isaħħaħ it-teorija li għal aktar minn elf sena kien influwenzat ftit biss mid-djaletti Għarbin tal-qrib li jixbhuh.[5]

Ħarsa ħafifa lejn il-ktieb ta' Stumme *Maltesische Studien* hija biżżejjed biex tgħinna nuru li l-Malti jwarrab ammont ġmielu ta' kliem li jsemmi il-ħin kollu fil-forom kollha ta' l-Għarbi. Min-naħa l-oħra tgħinna wkoll biex nuru li nsibu fih numru ta' kliem li jintuża b'tifsira differenti mill-Għarbi; kliem li jidher li hu semitiku iżda li ma nsibuhx fl-Għarbi u lanqas fid-djaletti Għarbin, li għal-kemm ma jinstabx fl-Għarbi Klassiku nsibuh fid-djaletti ta' l-Afrika ta' Fuq, u għadd żgħir ta' kliem li għadu ma nstab fl-ebda djalett Għarbi.

Fuq il-lingwa użata f'Malta qabel ma waslu l-Għarab, nistgħu ngħidu biss li din setgħet kienet mitkellma sew taħt il-Kartaġiniżi, meta l-gżira għaddiet minn perjodu ta' prosperità u ġid. Dan jixhduh il-fdalijiet bikrija ta' l-epoki preistoriċi. Skond Paul Schroden, malwasla tagħhom fostna, l-Għarab sabu popolazzjoni li kienet titħaddet b'xi forma ta' djalett Semitiku u mhux Għarbi.

Meta nħarsu lejn xi kliem fil-Malti, wieħed ma jistax ma jikkunsidrax il-grupp tad-djaletti Semitiċi li l-Feniċju għandu minnhom, jiġifieri l-grupp Kananitiku. Il-Professur P.P. Saydon jistqarr fil-kitba tiegħu *The Development of Maltese as a Written Language and its Affinities with other Semitic Tongues*, (Empire Press, 1928)[6]:

> We are well aware that foreign scholars like Noldeke are apt to smile at all efforts to detect a pre-Arabic element in Maltese, what Stumme calls 'erratic blocks' left stranded from Phoenician times, yet, in spite of all discouragements, such efforts in the case of Maltese, and, I might add, of some of the North-African dialects of Arabic, involve nothing inherently absurd.[7]

Saydon f'dan l-esej ikompli jagħti eżempji ta' kliem li tnissel mil-Lhudi,[8] mill- Feniċju, mill-Assirjan, mis-Sirjak[9] u mid-djaletti ta' l-Afrika ta' Fuq:

> Hence I would venture to suggest that, for all the very great modifications made in the language by the Arabs during their two hundred years stay, they did not, for all that, completely obliterate in it all traces of its origin and that at least some few dozen words survive to keep alive to the present day the memory of the dialect.

**NOTI:**

1. "In unscholarly accounts, Maltese is still described as Punic, perhaps on the strength of some particular Maltese words which are purely local post-Arabic formations from common Semitic words. Though modern Maltese bears no evidence of Punic origin, historically there is enough evidence to show that this dialect was once spoken by the Maltese." Ġużè Aquilina, "The Maltese Language: Some Undisputed Facts about this Language", *Malta Year Book*, 1953, p.183. Ara wkoll, *Papers in Maltese Linguistics*, 1962, p.180.
2. Ara wkoll studju sintattiku ta' Rev. J. Busuttil, "Taqbil u xebh bejn il-Malti u l-Grieg Qadim", *Leħen il-Malti*, Għadd 7, Sena 1964.
3. Ġużè Cassar Pullicino, *Kitba u Kittieba tal-Malti*. L-I Ktieb: "Tagħlim għall-Kbar" 4, U.R.M., 1962.
4. "So active is the original stamp of the language that all loan-words have to conform to Semitic Maltese morphology with the exception of a few modern words, mainly English which are proving less amenable to the Semitic patterns." Ġużè Aquilina, *loc. cit.*
5. "Definitely cut off from its parent Arabic about seven centuries ago, Maltese has continued to increase its vocabulary by evolving derivations from its own roots, which accounts for the existence of semitic words that cannot be matched in other Arabic dialects." Ġużè Aquilina, *loc. cit.*, p.183.
6. "The name 'Semitic' is conventionally applied to a group of languages spoken in Western Asia, or generally originating from the area, and characterized by a large number of common elements in their phonology, morphology, vocabulary, and syntax; they also share certain common tendencies in their evolution ..." Sabatino Moscati, *An Introduction to the Comparative Grammar of the Semitic Languages: Phonology and Morphology*, Otto Harrassowitz, Wiesbaden, 1969, p.3.
7. P.P. Saydon, *Ibid.*, p.15.
8. "There is in Maltese a sprinkling of words whose meanings seem to agree with those of corresponding words in Hebrew more than with those of Arabic ... there is no evidence of direct origin from Hebrew." Ġużè Aquilina, "Maltese as a Mixed Language," *Papers in Maltese Linguistics*, R.U.M., 1970, pp.48–49.
9. Fost ħwejjeġ oħra, il-Professur Ġ. Aquilina jgħid: "There are also in Maltese a few Arabic words the meaning of which seems to indicate direct or indirect Syrian admixtures ...", *ibid.*, p.48.



Ritratti bil-kortesija ta' J. Zammit Cordina (Malta Talent Artistes)







# LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR

## L-IŻVILUPP TA' L-AZZJONI FIR-RUMANZ (2)

### L-I KTIEB: ŻMIEN IL-HENA U L-ĦLEWWA V–XI



**Il-ġrajja ta' Pietru tal-Kalkara u l-għarqa tiegħu u ta' ibnu Toni (Kap. V–VI) huma irrelevanti. Fihom hemm difett ewlieni fin-narrattiva tar-rumanz. U jibqgħu irrelevanti anki jekk wieħed jaħsel jiftakar fl-aspett soċjali tax-xogħol tiegħu. Jekk Ellul Mercer ried jisħaq fuq il-qilla tat-tbatija tal-Maltin, ma kellux għalfejn jifrex il-ġrajja 'l bogħod għal kollox mill-protagonista. Seta' jkompli jiftaħ fuq il-qagħda msejkna ta' Ħaż-Żgħir u r-reazzjoni diretta li ħalliet fuq Leli. Hu x'inhu, l-ambjent tad-dinja magħluqa raħlija jitwessa' biex joħloq kuntrast ċar ma' l-individwalità intellettwali ta' Leli.**

**Id-dehra għall-ewwel darba tas-Sur Kelin twettaq kemm il-kriżi tar-rumanz tidher għall-ewwel li hija soċjali iżda tissaħħaħ biex tilħaq il-livell psikoloġiku u reliġjuż. Ir-realtà tar-raħal, li tant għad jikkritikaha s-Sur Kelin (u Dun Karm) 'il quddiem, twassal għar-realtà fil-protagonista fih innifsu.**

Is-Sur Kelin jidher bħala karattru kumpless mill-ewwel. Xi darba kien jemmen imma fir-rumanz jidher biss bħala ateu. Kien ġarrab l-esperjenza tas-safar u għalhekk l-egħluq ta' Ħaż-Żgħir ħassu aktar milli kieku ma sifirx. L-għażla bejnu u l-oħrajn mill-ewwel tidher kbira: "... meta jiftaħ fommu s-Sur Kelin, kulħadd kien jiskot u jhejji ruħu biex jisma'" (paġ. 16–17). Hija għażla f'bosta livelli: fost l-oħrajn hemm (i) l-għażla intellettwali, (ii) l-għażla kulturali għax "kien iħobb jaqra ħafna" (paġ. 17) u (iii) l-għażla reliġjuża għax "ma kien jemmen b'xejn" (*ibid.*).

It-ton moraleġġanti tar-rumanz jispikka ħafna fil-fatt li kemm Dun Karm u kemm is-Sur Kelin jaqblu fil-kritika tagħhom kontra l-qagħda soċjali tar-raħal għalkemm f'sitwazzjonijiet differenti. Kienu wkoll nies ta' prattika: lill-irġiel ta' Ħaż-Żgħir is-Sur Kelin kien għaddielhom kelma biex jaqbdu x-xogħol fil-proġett tal-brejkwoter jew mal-Gvern "filwaqt li hu ... ma sab jagħmel xejn, u qed igħix kif jista'" (paġ. 19) jew jagħti l-karità minn butu "biex isabbar lil min jiġi jokroblu l-ħniena" (*ibid.*).

Dun Karm ukoll jikkritika l-qagħda mwiegħra tan-nies minħabba l-qgħad. Għalkemm il-kritika tiegħu ma tantx toħroġ qawwija għax jiftaħ qalbu ma' ommu fl-ambitu familjari (l-istess kif jagħmel 'il quddiem fl-ambitu tal-Knisja meta jkellem lill-kappillan), xorta waħda jissuġġerixxi kemm il-kuxjenza tiegħu kienet qed tinkedd quddiem ir-realtà kiefra. Fost il-kundizzjonijiet soċjali koroh li jsemmi hemm:

i) familji kbar b'ħafna tfal li kienu nġabu fid-dinja minħabba r-riżq limitat tal-proġett tal-brejkwoter, imma issa ma kienx hemm biex jitgħajxu għax il-proġett kien spiċċa;
ii) djar mill-agħar;
iii) kondizzjonijiet iġjeniċi ħżiena ħafna, li jwasslu għall-
iv) mard.

Ħaż-Żgħir, f'dan il-każ, huwa l-mikrokożmu li jirrifletti l-qagħda ta' Malta kollha, għax "kliem Dun Karm... kien jista' jingħad għal bosta oħrajn f'Ħaż-Żgħir u f'bosta rħula oħra f'Malta" (*ibid.*).

Il-ħbiberija bejn Leli u s-Sur Kelin hija sinċiera sa mill-bidu. Is-Sur Kelin mill-ewwel għarfu li kien prekoċi: "meta jiġi mistoqsi xi ħaġa jwieġeb aktarx ta' raġel milli ta' tifel" (paġ. 20). Iżda kienet ħbiberija mfassla fuq l-istudju, b'diskussjonijiet interessanti fuq l-importanza tat-tagħlim, tal-lingwi bħal-Latin, u tal-matematika. Id-diskussjoni fuq l-għażla tal-kotba hija l-itwal: minn issa stess Leli jistqarr iż-żewġ problemi kbar li għandu fih, jiġifieri n-nuqqas ta' parir min-naħa ta' ommu għax ma kinitx taf skola, u l-indħil ta' Dun Karm bla ma jkun qara l-kotba ta' idejh għax tkun gżatu s-Sa Marjann.

Il-kummenti tas-Sur Kelin huma meqjusa wkoll quddiem l-għatx għall-għerf ta' Leli. Dan jasal biex jitolbu jsellfu l-kotba. Iżda s-Sur Kelin iħajru għal darba darbtejn biex jissaħħaħ fil-lingwi li qed kien jitgħallem. Donnu dan il-parir iħabbar minn issa l-kriżi intellettwali li għad jaqa' fiha 'l quddiem il-protagonista meta jkompli jaqra imma ma jissaħħaħx fil-profondità ta' l-għerf. Anki l-kotba li jsemmilu li kellu f'idejh diġà jibdew iheżżulu l-prinċipji nsara li kien trawwem fihom (paġ. 22).

In-narrattiva fuq il-ħarġa għall-kaċċa ma' Ġanni ta' Kejla u Ġużè Snien — żewġt iħbieb li jibqgħu leali lejh anki meta moħħu jibda jmur — kif ukoll fuq il-ħarġa tal-familja ta' Leli għall-premjijiet, tissuġġerixxi żewġ aspetti fil-ħajja tal-protagonista. Minn banda jippreżenta lilu nnifsu bħala żagħżugħ biċċa mir-raħal, li saħansitra jixtieq kieku jara xi fatat, bħall-bqija tar-raħal; imma mill-banda l-oħra waqt il-kaċċa kien joqgħod ireddnilhom fuq kulma kien qara. U nhar l-għoti tal-premjijiet kien ġie l-ewwel fl-Ingliż u fir-Reliġjon, iż-żewġ suġġetti li kienu qed jaqduh għat-tfittxija ta' l-għerf u li 'l quddiem iwassluh fil-mogħdija għat-taqtigħa qalila bejn l-għerf u l-fidi, u bogħod mir-raħal.

Il-karattru tas-Sa Marjann jieħu dimensjoni ġdida. Fl-għoti tal-premjijiet setgħet tgawdi s-sodisfazzjon kollu tagħha, mhux bħal żewġha, li baxxa rasu u nfexx jisgħol (biex ma jismax iċ-ċapċip għal ibnu?). Minkejja l-eżempju ħażin tiegħu għal uliedha xorta twissih lil Leli biex jibqa' jirrispettah lil missieru. Bil-karattru nobbli tagħha tasal biex tistqarrlu: "U wara kollox għaliex għandna neħduha kontra tiegħu?" (paġ. 26).

## Tifsir il-kliem
### (in-numru jirreferi għall-paġna)

| | |
|---|---|
| 23. *bil-kbir* | ħafna, sewwa |
| 23. *bil-qaddis* | skond il-ftehim |
| 14. *bin iż-żmien* | kellu l-esperjenza, kien jifhem |
| 22. *bis-sokta* | għassa bla ċaqliq wara ħajt tas-sejjieħ |
| 16. *biswit* | faċċata |
| 20. *bixkla* | intriċċ |
| 28. *ċangar* | iċ-ċangaturi ta' l-art |
| 19. *ċiera* | ħarsa, aspett |
| 20. *daħakhielu* | tbissimlu |
| 23. *dawrien fir-raba'* | ġiri fl-egħlieqi |
| 26. *fawra ta' rġulija* | tqanqila bħal wieħed b'responsabbiltà fuq spallejh, bħal missier ta' familja |
| 14. *forok* | pl. ta' 'forka' |
| 24. *friegħen* | xjaten |
| 13. *fuq ir-riħ* | fl-inħawi iżda qed jitbiegħed |
| 16. *ġebbiedi* | jiġbed ħafna nies |
| 18. *ġmiegħ* | pl. ta' 'ġimgħa' |
| 16. *ġorf* | ġgant |
| 19. *gorboġ* | post imħarbat u maħmuġ |
| 26. *għada* | drawwa, vizzju |
| 22. *għafrid* | xitan |
| 21. *Għajb kbir għalina* | Imissna nistħu |
| 27. *għajjur* | kburi, invidjuż |
| 16. *għ. għas-sengħa* | kburi bl-arti tiegħu |
| 24. *għamara* | abitat |
| 15. *għamlet l-għagħa tagħha* | issemmiet sew |
| 16. *għażeb* | mhux miżżewweġ |
| 25. *għandu n-nies miegħu* | sidu miegħu |
| 15. *għarka żift* | ċappa sewdinija |
| 17. *għorba* | barranin |
| 14. *ħafen* | ħataf |
| 27. *ħaqq* | kemm jiswa |
| 17. *ħarriġiet tal-qawwi* | blatiet kbar sammi |
| 18. *ħluq* | tfal |
| 19. *il-kbira* | l-agħar |
| 22. *il-qamar mela* | il-qamar kiber, nofs qamar |
| 16. *imgħammda* | imsejħa |
| 13. *imrammiet* | fihom persuna |
| 26. *imrewħa* | l-għodda ta' biex wieħed iżomm in-nar iħaġġeġ |
| 13. *imsenslin* | imdendlin u mgħallqin |
| 23. *imwegħrin* | diffiċli |
| 25. *irdejjem* | diminuttiv ta' 'rdum' |
| 24. *jdoqqhielu* | jisparalu |
| 22. *jiġbidhomlok ġibda sewwa* | jċanfrek sewwa |
| 13. *jiksru* | jegħlbu |
| 19. *jiksrulu għajnu* | idejquh, jagħtuh fastidju |
| 15. *jitliegħeb* | jitħarrek |
| 20. *jiżżiemel* | jilgħab, jiġġerra |
| 23. *jserred* | taqa' s-sirda |
| 23. *jreżżħek* | jinġazzak |
| 26. *kenur* | reċipjent tal-ħaġar fejn jinżamm in-nar imħaġġeġ |
| 25. *kisknijiet* | bil-moħbi u bla ħoss; inkiss inkiss |
| 27. *maħanqa* | kullar tal-ġild ma' għonq iż-żiemel |
| 28. *maqgħad* | wiċċ (is-siġġu) |
| 24. *mejjet għal nifs* | għandi xewqa qalila biex inpejjep |
| 21. *Mhux ta' l-għaġeb* | Mhux ħafna |
| 14. *milza* | berritta tawwalija qisha borża, ta' l-irġiel |
| 13. *mirkeb* | vapur, bastiment |
| 13. *mlajjem* | bil-lajma |
| 22. *mnasab* | pl. ta' 'mansab', l-għodda u l-post fejn jinqabdu l-agħsafar |
| 28. *Mons* | isem jew laqam popolari fil-Knisja jew fl-ordnijiet tal-Knisja biex dak li kun jindirizza lil xi ħadd ta' awtorità |
| 14. *nisaw* | inħaffu |
| 27. *niksrux għonqna* | jinqalgħalniex l-inkwiet |
| 21. *nitbaskat* | immut |
| 13. *rah sehmu* | ġarrab, bata ħafna |
| 22. *reddisiet* | agħsafar tal-kaċċa |
| 26. *remissa* | garaxx |
| 26. *skorfna* | ħuta lewnha aħmar |
| 19. *snin ta' qgħad* | żmien bla xogħol |
| 16. *taz-zokkor* | mill-aħjar |
| 20. *tfawwar* | tqanqal |
| 16. *timraħ* | tixtered |
| 17. *togħkorhom* | jissuspettaw ħażin |
| 20. *wiċċ id-dehen* | intelliġenti |
| 23. *xagħra* | art mhix għammiela |
| 19. *żiemel tas-sienja* | dejjem l-istess dawra |

● jissokta f'ħarġa oħra









**Il-ġesti wkoll għandhom il-lingwa tagħhom, imma t-tnejn il-lingwa u l-ġesti, jikkumplimentaw lil xulxin b'kumplessità lingwistika.**

# TERMINI
## FIL-LINGWISTIKA ĠENERALI
### B'REFERENZA GĦAS-SILLABU TAL-LIVELL 'A' (1)

miġbura minn ĠORĠ MIFSUD

# A

AFFISS: il-prefiss, l-infiss u s-suffiss, il-morfema li fil-Malti tintrabat maz-zokk morfemiku jew ma' l-egħruq morfemiċi. Eż. /-e-/ ma' /k-lp/ ⇛ /kelp/ (kelb); /-a:ta/ ma' /parl-/ ⇛ /par'la:ta/ (parlata).

AFFISS PRODUTTIV: il-prefiss jew is-suffiss li meta jingħaqad ma' morfema oħra jnissel kelma ġdida. Eż. /eks-/ + /'pleyer/ ⇛ /eks'pleyer/ (eksplejer).

AĠĠETTIV BAŻI: aġġettiv ewlieni li ma jkunx tnissel biż-żjieda morfoloġika ta' xi affiss.

AĠĠETTIV IMNISSEL: aġġettiv imsawwar minn morfema libera u morfema marbuta. Eż. /su:f/ (suf) + /-i/ ⇛ /'su:fi/; /tri'yonf/ (trijonf) + /-a:li/ ⇛ /triyon'fa:li/. Dan igħodd ukoll għall-partiċipji. Eż. 'raġel *ħaddiem*', 'baħar *imqalla*'', 'ħanut *ippakkjat*'.

AGGLUTINAZZJONI: il-proċess fit-tiswir tal-kelma fejn il-morfemi, bħala elementi b'tifsira sħiħa, iżommu l-forma karatteristika tagħhom mingħajr ma jitħalltu ma' l-elementi ta' ħdejhom. Eż. /ma/ + /da:n/ + /'kollu/ ⇛ /madan'kollu/ (madankollu); /al/ + /da's/ + /-ek/ ⇛ /alda''sek/ (għaldaqshekk).

AKROFONIJA: il-prinċipju alfabetiku li hemm grafema fis-sistema tal-kitba għal kull fonema fis-sistema fonoloġika.

AKRONIMU: kelma msawra bl-ittri jew sillabi f'sensiela ta' kliem, eż. NATO.

ALLOFON: il-varjazzjoni attwali u personali tal-fonema. Eż. /-au/ u /-ou/ u /-ai/ u /-ei/ fis-sekwenzi /'telau/ :: /'telou/ (telgħu) u /'naiʃu/ :: /'neiʃu/ (ngħixu).

ALLOFRAŻI: varjanti ta' frażi li ma tinfluwenzax it-tifsira tagħha. Eż. /mu'ʃaun/ (m'hux hawn) u /muwieʃ'aun/ (m'huwiex hawn).

ALLOGRAF: varjanti fl-ortografija ta' l-istess ħoss.

ALLOLOG: forom differenti ta' kelma li jkunu differenti fl-affissi biss. Eż. /'pubbliku/ (pubbliku), /ip'pubblika/ (ippubblika), /pubblikatts'yoni/ (pubblikazzjoni), /pubblika'tu:r/ (pubblikatur).

ALLOMORF: varjazzjoni tal-morfema li tkun f'distribuzzjoni komplimentarja mal-varjazzjonijiet l-oħra ta' l-istess morfema. Eż. /-i:n/, /-a/, /-s/ bħala allomorfijiet tal-morfema tal-plural tan-nomi bil-Malti fil-kelmiet /malt-/ + /-i:n/ ⇛ /mal'ti:n/ (Maltin), /nu'ta:r/ + /-a/ ⇛ /nu'ta:ra/ (nutara), /film + -s/ ⇛ /films/ (films).

ALLOMORF ZERO: terminu ieħor flok morfema zero, i.e. meta l-morfema tkun implikata mill-kuntest u mhux mill-fonemi. Eż. il-kelma 'umli' u 'ktieb' fis-sekwenzi 'irġiel umli' u 'ħdax-il ktieb' flok *'irġiel umlin' u *'ħdax kotba'.

ALTERNAZZJONI AWTOMATIKA: l-alternazzjoni awtomatika tal-fonemi sseħħ skond xi regola partikolari. Ngħidu aħna, hemm il-konsonanti mleħħna /b/ (b), /v/ (v), /d/ (d), /z/ (ż), /dj/ (ġ) u /g/ (g) li jsiru mhux-imleħħna f'tarf il-kelma, i.e. /p/ (p), /f/ (f), /t/ (t), /s/ (s), /tʃ/ (ċ) u /k/ (k):

*/kelb/ ⇛ /kelp/ (kelb);
*/nerv/ ⇛ /nerf/ (nerv);
*/ħa'di:d/ ⇛ /ħa'di:t/ (ħadid);
*/haz/ ⇛ /has/ (ħażż);
*/tiedj/ ⇛ /tietʃ/ (tieġ);
*/la:g/ ⇛ /la:k/ (lag).

ALVEOLARI: ta' l-alveoli; il-konsonanti alveolari jirrealizzaw ruħhom meta l-ilsien imiss jew joqrob lejn il-ħanek.

AMBIGWITÀ SINTATTIKA: l-ambigwità li tista' ġġib l-ordni ħażina tal-kliem li ma tkunx taqbel mas-sintassi tal-Malti. Eż. 'sieq il-mejda l-miksura' għax ma nafux sewwa min hu miksur, hix 'is-sieq' jew 'il-mejda'.

AMELJORAZZJONI: tibdila semantika fil-kelma fejn it-tifsira tinbidel b'xi mod għall-aħjar. Eż. /a:n/ (għan) xi darba kienet tfisser 'skop ħażin' u maż-żmien saret tfisser 'skop' ikun x'ikun.

AMFIBOLIJA: l-ambigwità fit-tifsira tas-sentenza kollha għalkemm il-kliem fiha ma jkunx ambigwu. Eż. 'In-nannu ma xtaqx kieku ma jgħid xejn'.

ANALIŻI GRAMMATIKALI: l-istudju li jiddeskrivi l-partijiet kollha ta' l-istruttura tas-silta mogħtija. Fil-grammatika tradizzjonali tfisser il-proċess li jfisser il-funzjoni ta' kull element fis-sentenza.

ANALIŻI MORFOFONEMIKA: l-istudju tal-lingwa biex wieħed jagħraf u jiddeskrivi l-fonemi u l-morfemi u l-modi kif jaħdmu bejniethom flimkien.

ANALIŻI SINTATTIKA: l-analiżi ta' l-istrutturi tal-lingwa dwar l-ordni u l-gruppi tal-kliem, u kif għandhom x'jaqsmu ma' xulxin u ma' l-istrutturi ta' qabilhom u ta' warajhom.

ANALOĠIJA PROPORZJONALI: il-proċess ta' analoġija biex wieħed jasal biex isawwar forma mhux magħrufa fuq mudell magħruf. Fil-Malti hemm l-eżempji magħrufa tal-forom verbali u l-forom nominali. Eż.

*kelb* ⇛ *klieb*;

belt ⇛ ? **(bliet)**

ANATOMIJA SESSWALI: pari ta' nomi li minnhom infihom juru l-maskilità jew il-femminiltà tagħhom. Eż. missier :: omm; barri :: baqra; serduk :: tiġieġa.

ARTIKULAZZJONI: iċ-ċaqliq tal-organi tat-taħdit li jista' jibdel u jvarja t-ton jew inissel ħsejjes sekondarji. Minn fost dawn l-organi nsemmu x-xufftejn, l-ilsien, is-snien u x-xedaq.

ASPETT: il-firxa taż-żmien u l-kompletezza ta' l-egħmil kif jidher fil-forma tal-verb. Fuq dan il-qasam tekniku fil-Malti, ara, *A Study of Aspect in Maltese* (1981) ta' Albert J. Borg.

ASSIMILAZZJONI: il-proċess li bih ħoss jinbidel minħabba ħoss ieħor. Eż. /b/ li jsir /p/ fil-kelma */'btieħi/ ⇛ /'ptieħi/ mis-singular /'bitħa/.

AVVERBJU GĦALL-GRAD: kelma b'funzjoni ta' avverbju li turi l-grad li jkun. Eż. 'tajjeb ħafna', 'x'aktarx imqajjem', 'ħażin wisq'.

# MUDELLI MILL-KARTA TA' L-EŻAMI

## SESSJONI NOVEMBRU/DIĊEMBRU, 1986

## L-EWWEL KARTA

### 2. SILTA TA' PROŻA

a. *It-titlu*: Is-sistema tal-ġuri f'Malta

b. *Taqsira*

Is-sistema tagħna tal-ġuri f'kawżi kriminali tawhielna l-Ingliżi. Il-jedd tal-ġuri huwa d-dritt ta' kulħadd. Ikun hemm dejjem sens kbir ta' ġustizzja mal-mixli. Id-disa' ġurati bis-sens komun tagħhom u b'sens kbir ta' ġustizzja, kif jaħilfu fil-bidu tal-ġuri, iridu jaraw jekk l-akkużi li nġabu kontrieh twettqux jew le bil-provi. Id-disgħa jingħażlu minn fost il-poplu għal ta' l-apposta għax inkella l-imħallfin ikunu iebsa wisq ma' l-akkużat. U jaslu għall-ġudizzju tagħhom wara li jkunu xtarru sewwa kulma jkun intqal mill-prosekuzzjoni, mid-difiża u mix-xhieda.

ċ. i. *Sentenza f'sentenzi iqsar:*

a. Is-sistema tal-ġuri f'kawża kriminali writnieha mingħand l-Ingliżi.
b. Disgħa min-nies komuni, li ma jkunux tekniċi, jintgħażlu minn oqsma differenti tal-ħajja.
ċ. Huma jridu jgħidu jekk l-akkużat huwiex ħati jew le.
d. Iridu jaraw jekk l-akkużi li nġiebu mill-prosekuzzjoni kontra l-mixli ġewx ippruvati jew le.

ii. *L-għerq u l-forma:* nġiebu: √Ġ-J-B, l-I Forma; jaslu: √W-S-L, l-I F.; jitwarrab: √W-R-B, il-V F.; għarblu: √GĦ-RB-L, it-II F.; xxaqleb: √X-QL-B, it-II F.

iii. *Verb:* oqsma ⇒ qassam; mixli ⇒ xela; meqjusa ⇒ qies; aktar ⇒ kattar; difiża ⇒ iddefenda.

iv. *Nom:* jridu ⇒ rieda; writnieha ⇒ wirt; akbar ⇒ kobor; ġust ⇒ ġustizzja; tiġi ⇒ miġja.

v. *Tifsir:* ċjoe = jiġifieri; akkużat = mixli; garanzija = serħan ir-ras; lat = naħa; kapaċi = jafu; fundamentali = prinċipali; għarblu = stħarrġu; komuni = normali; oqsma = ambjenti; interpretata = mfissra.

### 3. TRADUZZJONI

Madwar 5,000 sena ilu saret sejba importanti ħafna fl-Ewropa — is-sejba tal-bronż. Is-sjuf, iċ-ċappetti, il-bokkli, l-istalletti u ċ-ċinturini, kollha saru b'dan il-'metall' il-ġdid ta' l-għaġeb u bdew jinfirxu ma' l-Ewropa.

Dawn l-oġġetti kienu jleqqu, bħar-ram aħmar u d-deheb, imma n-nies kienu jaħsbu li s-sustanza l-ġdida bilfors li kienet tiswa bil-wisq ħafna aktar. Lewnha kien bħad-deheb, imma kienet iebsa aktar u ferma aktar u safrattant tista' tinħadem xorta waħda. Kienet ħafna aħjar biex wieħed jagħmel biha l-istrumenti, l-armi u l-għodda milli kien il-ġebel jew ir-ram aħmar.

Għadna ma nafux min kien il-poplu antik li sab it-taħlita tad-90 parti ram aħmar u l-10 partijiet landa li minnhom jissawwar il-bronż. Is-sejba x'aktarx li seħħet fl-inħawi fejn kien hemm ħafna ram aħmar, u fejn kienu ilhom ifittxu xi sustanza ġdida li tkun tista' twebbes dan il-metall artab: jista' jkun fi Spanja u jista' jkun fl-Ingilterra. Il-biċċa l-kbira tal-mużewijiet fihom eżempji ta' l-għodda, ta' l-armi jew tat-tiżjin magħmula mill-bronż bikri.

# KIF TIPPJANA L-ESEJ

**KOMPONIMENT ĠENERALI**

**PJAN BIL-PUNTI FRIEGĦI**

**(Meta wieħed ikollu quddiemu suġġett għal komponiment ġenerali, jaqbel li jippjanah sewwa. Hawn għandkom wieħed, jismu "Id-Drawwiet Soċjali taż-Żwieġ" (ovali, fin-nofs) u minnu ħerġin sitt friegħi jew punti ewlenin. Dawn jerġgħu jinqasmu fi friegħi iżgħar jew puntini kull waħda. Il-vleġeġ juru r-rabta bejn l-ideat li tridu dejjem taslu għaliha fil-kitba tagħkom.)**



# Travel Savers




## ISIC

Student? Then it pays you to have the International Student Identity Card. It is the only internationally recognised proof of your students status. The **ISIC** card is the only accepted card that enables you to obtain discounts and benefits in Malta and overseas.

## Eligibility

The **ISIC** card is issued to full time registered scholars and students who are at least 12 years old. It is only issued upon official proof of full time student status. Two passport sized photos are required.

## Major Benefits

- Reduced airfares from Malta. Fly to Rome for only Lm29.00 one way, to Amsterdam for only Lm90.00 return; and many more destinations.
- Discounts in various stationers, booksellers, clothes shops, etc.
- Free entrance or 50% discount on entrance charge to various discotheques in Malta.
- And much more.

**Costs only 75 cents.**
**Valid until 31 December '89 and renewable.**
**International proof of your student status.**
**Use it for discounts on flights, trains, accommodation and more.**
**Issued to students of 12 years old, and over.**
**Use it for discounts in Malta, Gozo and worldwide.**

**NEW**

**50% discount for ISIC and YIEE card holders on all performances organised exclusively by the Manoel Theatre Management Committee.**

NSTS 220, ST. PAUL STREET, VALLETTA, MALTA. TEL: 624983, 626628.

# NSTS

## Għaqda ta' l-Ivvjaġġar għall-Istudenti

L-Ivvjaġġar sar parti ewlenija mill-edukazzjoni fid-dinja moderna tagħna u għal dan il-għan grupp ta' studenti universitarji, minn jeddhom, waqqfu fl-1963 l-NSTS ("National Student Travel Service" – Servizz Nazzjonali ta' l-Ivvjaġġar għall-Istudenti).

Illum l-għanijiet ta' l-NSTS għadhom l-istess: li jagħtu lill-istudenti u liż-żgħażagħ l-aħjar prezzijiet u servizzi possibbli għall-edukazzjoni permezz tal-vjaġġi. L-NSTS qiegħda hemm biex taqdi liż-żagħżugħ li jixtieq jivvjaġġa bl-irħis u hija l-unika għaqda awtorizzata f'Malta għall-"Karta ta' l-Identità" Internazzjonali ta' l-Istudent (l-*International Student Identity Card*) kif ukoll għall-Bdil Edukattiv taż-Żgħażagħ (il-*Youth International Educational Exchange Card*) u l-Karta ta' l-Identità għall-Federazzjoni Internazzjonali tal-Federazzjoni tal-Lukandi għaż-Żgħażagħ Mistednin (l-*International Youth Hostel Federation Guest Card*) li qegħdin hemm għalik bi ftit flus u jagħtuk ħafna roħs u faċilitajiet. L-NSTS toffrilek għall-gosti individwali tiegħek it-trasport, l-akkomodazzjoni, il-vaganzi, il-korsijiet tal-lingwa u l-protezzjoni ta' l-assikurazzjoni li jitħejjew apposta għall-ħtiġijiet ta' l-istudent u taż-żagħżugħ.

L-Għaqda tgħin ukoll lill-istudenti billi toffri xi boroż ta' studju u *"sponsorship"* għal dawk li jistudjaw barra minn Malta.

L-NSTS tagħmel ukoll bosta kontribuzzjonijiet kulturali, fosthom ta' min isemmi l-*Mużikafest*, attività li ssir fil-kampus universitarju bil-għan li tkattar l-għaqda u t-tibdiliet bejn Malta u d-dinja kollha.

L-NSTS iżżomm kuntatt ma' l-istudenti u ż-żgħażagħ bl-għajnuna tal-gwida ta' l-ivvjaġġar li toħroġ kull sentejn *Anyway* u bil-fuljett ta' aħbarijiet ta' kull xahrejn *NSTS Newsflash.*

Taħsibhiex darbtejn li tasal wasla sa 220, Triq San Pawl, il-Belt meta tkun trid xi pariri dwar l-ivvjaġġar bl-irħis. L-impjegati ta' l-NSTS dejjem lesti biex igħinuk fl-ideat tiegħek dwar il-vjaġġi f'dawn il-ħinijiet:

| | | |
|---|---|---|
| *Fis-Sajf* | | |
| It-Tnejn, l-Erbgħa, il-Ħamis | 9.00–13.00 | 15.00–18.00 |
| It-Tlieta u l-Ġimgħa: | 9.00–13.00 | 15.30–19.00 |
| Is-Sibt: | 9.00–13.00 | |
| *Fix-Xitwa* | | |
| It-Tnejn, l-Erbgħa, il-Ħamis | 9.30–12.00 | 14.30–16.30 |
| It-Tlieta u l-Ġimgħa | 9.30–12.00 | 15.00–19.00 |
| Is-Sibt | 9.30–12.00 | |

Tistgħu tissieħbu fil-Klabb ta' l-Istudenti u ż-Żgħażagħ għall-Ivvjaġġar.

NSTS–STUDENT AND YOUTH TRAVEL
220, Triq San Pawl, il-Belt
Tel.: 626628, 624983.

ADRIAN STIVALA

# SAN ĠWANN

## KUMMENT ĠENERALI FUQ IL-KARATTRI



**Minkejja l-qosor tiegħu *San Ġwann* (1938) ta' Ġużè Galea joqgħod max-xejra tar-rumanz storiku-romantiku, li bħala stil letterarju ilu jinkiteb sa mill-1878 bir-rumanzetti ta' Ġużè Muscat-Azzopardi. Fih ukoll jinħassu ż-żewġ għanijiet ewlenin tar-rumanziera Maltin ta' qabel is-Sittinijiet f'dan is-seklu, jiġifieri t-tiswir tal-Malti bħala lingwa artistika u l-qawmien kulturali nazzjonali. Dawn kienu valuri sħaħ li bilfors kellhom jitwettqu bil-kitba fit-tfittxija ta' l-identità Maltija.**

Fir-rumanzi kollha ta' Galea tispikka dejjem it-taqbida bejn iċ-ċittadini Maltin u ċ-ċittadini barranin bl-irqaqat u bl-individwi meħtieġa skond kif jitlob il-kanavazz tar-rumanz li jkun. F'*San Ġwann* it-taqtigħa f'din it-taqbida tista' tinġabar hekk mill-aspett ta' karattri:

| IT-TAJBIN | IL-ĦŻIENA |
|---|---|
| La Cassiere | Menzju Impellizzeri |
| Ġlormu Cassar | Romegas |
| Vitorju Cassar | Mailloc |
| Mariroz | Cressino |
| Fantin | |
| Is-Sur Ġann Bonell | |
| Toni Bonell | |
| Il-Kan. Nazju Abela | |
| (Karla s-Sardiniza) | |
| (L-Isqof) | |

La Cassiere, għalkemm barrani, xorta jidher nazzjonalizzat għax jaqbeż għall-interessi Maltin il-ħin kollu: "L-aħbar tal-ħatra tas-Sultan ġriet bħal berqa fl-ibliet u fl-irħula, u sar għors li baqa' jissemma. Dak in-nhar kien jum ta' btala, ferħ u mistrieħ, u kulħadd refa' mix-xogħol u nesa d-dwejjaq u t-tbatija tal-ħidma ta' kuljum" (I Kap 1) u "Cassiere... kellu ġibda lejn niesna, u ma kienx jagħtihom il-ġenb bħal xi slaten oħra" (I Kap 13).

Karla s-Sardiniza, l-aktar karattru realista li hemm fir-rumanz, bħala mġiba morali toqgħod mal-ħżiena, iżda fl-aħħar tinfeda, għalkemm b'għan vendikattiv kontra Impellizzeri, meta marret tikxfu lill-awtoritajiet li kienu qegħdin ifittxuh. Għalhekk, fl-egħluq tar-rumanz waqt it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Knisja ta' San Ġwann u t-tieġ ta' Mariroż u Vitor Cassar, tidher "li kienet mitlufa qalb ir-rassa tan-nies (u) ħasset ferħa ta' qalb għal kull ma kien qed jiġri u jsir" (IV Kap. 17).

L-Isqof tul il-ġrajja fittizja qatt ma fehem lill-Granmastru anzi wasal biex jimpika miegħu fuq il-post fejn kellha tinbena l-knisja u jżomm, imqar indirettament, mal-partit ta' Romegas: "L-Isqof kien miksur mas-Sultan fuq li dan, żmien qabel, ma kienx ried jagħti s-sensja li jinbena l-Palazz ta' l-Isqof fil-Belt il-ġdida, billi kien jidhirlu li f'dik il-Belt l-ebda kap ħlief is-Sultan ma kellu joqgħod; u wkoll issa l-Monsinjur ħa wisq għalih għax deherlu li bħala Isqof u Kap tal-Knisja f'Malta, il-Granmastru messu, għallinqas, jieħu parir mingħandu fuq il-bini ta' knisja ġdida" (II Kap 2).

Imma fl-egħluq tar-rumanz l-Isqof jiċċelebra fl-okkażjoni u jbierek l-ewwel ġebla (l-aspett storiku) u jtejjeġ lill-agħrajjes (aspett jittizju).





Tpinġijiet ta' Ġorġ Zammit: *fuq:* il-Kappella ta' San Pawl, San Pawl il-Baħar, Ħaġar Qim; *isfel:* Għajn Rażul, San Pawl il-Baħar.



minn ĠORĠ MIFSUD

# ZAMMIT U L-ISTORJA

***F*'EGĦLUQ it-tmenin sena ta' Ġorġ Zammit tħajjart nintervistah biex illaqqagħkom ma' dan il-poeta romantiku li dejjem laqatni sa minn fuq il-bankijiet tal-ħames klassi fejn kien ifissrilna l-Letteratura Ingliża bl-akbar entużjażmu, l-aktar il-poeżiji ta' Keats. Din l-intervista tkompli fil-ħarġa li jmiss. Nissuġġerulkom biex taraw ukoll intervista oħra li għamiltlu u li diġà dehret f'Analiżi* **vol. I n. 4, paġ. 14—15 u n. 5, paġ. 20—21.**



## 1. *X'inhi t-tifsira ta' l-Istorja għalik?*

Daqskemm hi żgħira fid-daqs, daqstant ieħor hi kbira fl-Istorja, art twelidna. Min ma jafx lil Malta ħlief bħala tikka, bil-kemm tidher fuq mappa, qatt ma jgħaddilu minn rasu x'teżori ta' ġmiel iżejnu 'l-gżejjer tagħna u x'sensiela bla tarf ta' ġrajjiet storiċi jinsġuha mal-bqija tad-dinja, speċjalment ta' l-Ewropa.

Fl-isbaħ ta' żgħożiti kelli x-xorti li nkun għal ċertu żmien student fl-Università Gregorjana ta' Ruma u fl-istess ħin fil-Kulleġġ Skoċċiż, fl-istess belt. Sħabi l-istudenti Skoċċiżi, li lil Malta kienu jafuha biss bħala tikka f'nofs il-Mediterran, biex jiċċajtaw kienu jistaqsuni: "Ġorġ, wieħed, f'Malta, jista' jisker mingħajr ma jaqa' l-baħar?"

Xi żmien wara, grupp minn sħabi Skoċċiżi kitbuli li kienu ġejjin biex jaraw lil Malta; u jien ilqajthom, ittrattajthom, u ħadthom 'l hawn u 'l hemm fl-isbaħ postijiet ta' Malta u Għawdex, u wrejthom it-teżori ta' Storja li bihom pajjiżna hu miżgħud; mill-preistorja ta' Għar Dalam għall-għaġeb tat-tempji megalitiċi tagħna; għal Ħal Saflieni, għall-Katakombi ta' San Pawl u ta' Sant'Agata, għal dik il-ġawhra ta' belt li hi l-Imdina, kollha mdawra swar; għal Sant'Anġlu bil-palazzi tagħha, għat-tapezzeriji tal-Palazz u ta' San Ġwann. U dawn sħabi stqarrew miegħi li qatt ma kien għadda minn rashom li Malta hi t-teżor ta' ġmiel u ta' storja li hi. U wieħed jista' jaħseb kemm ħassejtni minfuħ b'din l-ammissjoni. Minn dak iż-żmien 'l hawn għaddew ħafna snin. Imma baqgħu kultant jitfaċċaw f'Malta u jfittxuni. Illum il-biċċa l-kbira mietu.

L-imħabba lejn art twelidi u l-entużjażmu għall-ġrajjiet glorjużi tagħha minn dejjem kienu f'demmi, u ma setgħux ma jitfaċċawx 'l hawn u 'l hemm fil-kitba tiegħi. Dak kollu li hu Malti; dak kollu li jgħaqqadna mat-twemmin ta' missirijietna li għamilna kbar quddiem ġnus oħra; dak kollu li jfakkarna fil-qlubija ta' dawk li ħallew ħajjithom fuq is-swar ta' l-Imdina u ta' Sant'Iermu u ta' Sant'Anġlu; dak kollu li jixhed iċ-ċiviltà tal-poplu tagħna mill-eqdem żminijiet u l-imħabba lejn artna minn żmien il-Gwerer Puniċi sal-gwerra li spiċċat fl-1945 hu għalija għażiż daqs id-dawl ta' għajnejja. U nitnikket nara l-inqas nuqqas ta' rispett, l-inqas att ta' indifferenza lejn dak li hu tagħna, ta' artna, ta' ġensna. F'"Il-Għanja tas-Seba' Niċeċ" niġi fil-mixja tiegħi minn Niċċa għal oħra ħdejn Għajn Rażul, li minn isimha turik li għandha konnessjoni mal-miġja ta' San Pawl f'Malta, u nsib li l-ilma ta' din il-Għajn, xi darba ilma ta' tjieba bla qies, issa m'hux tajjeb għax-xorb, minħabba nuqqas tal-kura meħtieġa biex il-bini li sar qrib l-Għajn ma jkunx kawża ta' tniġġis ta' dak l-ilma prezzjuż, kif fil-fatt ġara. U għalhekk nilmenta:

*.................. Hekk, il-Malti*
*Jaf igħożżu lill-ġawhar ta' ġensu;*
*Dil-qima li jagħti lil artu,*
*Dal-ġieħ li ried jagħżel tas-sema*
*Ried igħolli 'l-barrani, u lil ħwejġu*
*Difinhom fil-qabar tal-minsi.*
*Dan sehemna, sa tisbaħ dik l-għodwa*
*Li l-Malti jistenbaħ minn ngħasu*
*U 'l Alla jrodd ħajr li hu Malti.*

Għalhekk, f'"Il-Għanja tas-Seba' Għerien" nistieden lill-qarrejja biex miegħi jżuru 'l artna:

*F'kull għolja li tittawwal*
*Fuq raba', rħula, bliet;*
*Fis-swar, fejn, għal ġieħ ommhom*
*Ixxerred demm l-ulied;*

*F'kull għar li fih jinstemgħu*
*Jidwu ġrajjiet iż-żmien*
*Biex dak li ġej li jtebba'*
*Is-safa ta' li kien;*

*Biex Malta tibqa' Malta*
*Biex ħadd ġieħha ma jtemm;*
*Biex demmha jibqa' demmha*
*U safi minn kull semm.*

Ħarsa madwari tnikkitni għax nara li l-ħajja ta' llum nisslet f'qalb il-poplu tagħna, kif għamlet fil-qalb ta' popli oħra, materjaliżmu li jġiegħel lill-bniedem jistmerr dak kollu li ma jġibx miegħu l-flus, il-ħajja mpaħpħa, il-pjaċiri tad-dinja; min-naħa l-oħra turini li għad fadal, tant fost il-kbar kemm fost iż-żgħażagħ, qlub nobbli, marbuta mat-tajjeb u mas-sabiħ u kburin bin-nisel tagħhom; u għalhekk jien ngħid fil-poeżija tiegħi "Lis-Swar ta' Malta":

*Swar art twelidi, meta nħares lejkom*
*Telgħin qiskom muntanji ta' l-azzar,*
*Qalbi tingħafas bit-tifkira għażiża*
*Tad-demm li ċarċar minnkom bħal għargħar;*

*Tad-demm li ħammar ħalli ħadd ma jħammar*
*Wiċċ il-qalbiena wlied ta' din il-Gżira;*
*Qalbi tingħafas għax iż-żmien xejjinkom:*
*Suritkom xejn ma tfisser ħlief tifkira.*

*Qalbi tingħafas għax iż-żmien xejjinkom;*
*Iżda nitkabbar, għax la ż-żmien qerried*
*Anqas il-qilla ta' Kajjin ma naqqset*
*Fina l-qlubija tal-missirijiet.*

*Għax, bħal missirijietna, 'l art twelidna,*
*Aħna wliedha ta' llum, fl-hena u fil-hemm*
*Inħobbuha, ngħożżuha, u biha f'qalbna*
*Lesti nċarċru sa l-aħħar qatra demm.*

Fil-poeżija "Lil Dun Mikiel Xerri" l-ewwel nibki għall-fatt li dan l-iben kbir ta' Malta – qassis qaddis, professur għaref u vittma ta' l-imħabba lejn artna – anqas biss nafu fejn hu midfun; imbagħad nistabar b'dan il-mod:

*Iżda ma nibkux aktar. Issa rajna*
*Li qabar ma jibdilx f'ħieles l-irsir;*
*Isem fil-bronż imnaqqax nien u majna:*
*Ismek, ġo qalbna, jibqa' dejjem kbir.*

*Ismek ġo qalbna jidwi dejjem. Ismek*
*Midfun fl-imħabba ta' l-ulied; u dan*
*Iżommok dejjem ħaj; jekk tmermer ġismek,*
*Ġiehek jagħleb il-ġieħ ta' kull sultan.*

It-taqbid ta' sikwit tal-kursara kontra niesna, l-eroj ta' l-Assedju l-Kbir ta' l-1565, il-kuraġġ ta' ġensna wiċċ imb'wiċċ mal-qawwiet ta' Napuljun, jidhru 'l hawn u 'l hemm fil-*Poeżiji*, u ma nsejtx inpinġi kwadru ċkejken tal-ħerba li ħalliet fostna t-Tieni Gwerra Dinjija – xena ta' mara u tarbija sejrin kwieti lejn darhom xħin minn fuq ajruplan ta' l-għadu ntefgħet bomba li qerdithom it-tnejn; u dan fil-poeżija "Darba, f'Wied Babu":

*U l-kwiekeb, dak il-lejl*
*Għalxejn*
*Bkew dmugħhom tal-fidda*
*Fuq omm u wild, minxura*
*F'nagħsa tal-mewt.*

*Alla Ħallieq!*
*Kien minn idejk, li ħarġet*
*Qalb l-alla qerried?*

U f'"Rajtek Tistenna" nagħder omm li qiegħda tistenna lil binha lura mill-gwerra – u fil-figura ta' dik il-mara hemm rappreżentati tant u tant familji li tilfu kapijiet, membri u wlied fit-taqbid li ġieb min jaf kemm luttu fid-dinja:

*Rajtek tistenna ħiemda fuq is-setaħ:*
*Riefnu qerried kien minn fuq l-art għaddej:*
*U frott imħabbtek, dak ir-riefnu, ġarru,*
*W int bqajt tistenna, bqajt tistenna għalxejn.*

*Rajtek tistenna ħiemda fuq is-setaħ...*

## 2. *Kif tħares lejn il-problema tan-niket u d-dulur?*

Fost il-problemi li jħawdu moħħ il-bniedem insibu l-problema tad-dulur, id-dwejjaq li jagħfsu lil min jintlaqat minn xorti ħażina bħal mard, uġigħ, daqqiet ta' frosta minn min l-inqas jistennieha mingħandu, it-trijonf tal-ħażen fuq min hu tajjeb jew ġwejjed – problemi li trid u ma tridx iġibulek dubji fuq il-ħniena ta' Alla u l-ġustizzja tiegħu. U dan il-ħsieb jien nesprimih f'"Il-Għanja tas-Saltna" (paġ. 43) fil-versi:

*Min ma ġarrabx, fil-Golgota tal-ħajja,*
*Xewqa li jgħajjat 'Lamma sabaqtani'?*

U dan hu veru għall-bnedmin kollha. B'danakollu, m'għandniex inħallu sħaba tgħattilna d-dawl tax-xemx. Il-ħajja turina li ħażin jagħmel min jaħseb li Alla qatt jabbanduna 'l-bniedem. Anki meta kollox jidher iswed; anki meta wieħed jaqta' qalbu għal kollox, dik il-ħniena li hu jiddubita minnha tkun qiegħda tgħasses fuqu, kif hemm fil-lirika qasira "Alla Ħdejk!" (paġ. 125):

*Tgħolli leħnek lejn is-sema:*
*Leħnek jidwi bla tweġib?*
*Għalxejn tħabbat bieb il-ħniena?*
*Tibqa' mgħattan mas-salib?*
*Ma tarax ħlief dlam u dmija,*
*B'qalb maqtugħa tgħolli jdejk;*
*Taħsbu sebqek: iżda ħares –*
*Alla ħdejk!*

L-istess ħsieb jinsab fl-aħħar versi tal-poeżija "Wara l-Anestesija" (paġ. 126) li jien ktibt fl-Isptar San Luqa, wara operazzjoni:

*Ħassejt ħarstek, Mulejja,*
*Tberred il-ħruq tad-deni fuq ħaddejja.*
*M'għadux sfiq*
*Leħen l-ilfiq.*
*F'bewsa ltaqgħu*
*Hena u niket.*
*Kollox,*
*Kollox,*
*Kollox siket.*

Bħala bniedem għaddejt mid-dlamijiet tad-dubji li minnhom igħaddi kulħadd. Għalhekk ġew mumenti meta kelli ngħolli għajnejja 'l fuq u nsaqsi:

*Għaliex, Mulej?*
*Il-ward u x-xewk m'għamilthomx Int it-tnejn?*
*Għaliex ix-xewk iniggeż bla jintemm*
*U l-warda tfewwaħ siegħa, tnin fix-xejn?*
("Għaliex, Mulej?", paġ. 184)

B'danakollu, dejjem fittixt li nnissel it-tama fil-qarrejja. Għalhekk ktibt:

*Fuq ġwienaħ il-għana, mas-sema*
*Fil-għoli fil-għoli ttajjart,*
*U rajt dmugħ il-kwiekeb iċarċar*
*U jnebbet il-faraġ mill-art,*
*U jtaffi bil-għasel it-tosku*
*U jislet mix-xewk ġmiel il-ward.*
("Fuq Ġwienaħ il-Għana", paġ. 129)

● *jissokta f'ħarġa oħra*





**Tpinġijiet oħra ta' Zammit: l-Imdina; Dgħajsa ta' l-Irmonk, bl-Isla fl-isfond.**



# pirati elettroniċi

**Meta tixtri jew iddoqq tejps tal-mużika, meta tikri vidjows qatt staqsejt lilek innifsek jekk f'idejk għandekx materjal "misruq"?**

L-irrekordjar illegali tal-vidjows, tal-mużika u tas-software tal-kompjuter huwa tant mifrux u jsir fil-miftuħ li min ikun ġej minn barra minn Malta biss jinduna x'ikun għaddej. Il-ħwienet tal-vidjows tant jidhru ġenwini illi min hu espert fis-suġġett biss jista' jinduna. Il-bqija ma jarawx, mill-mod biss kif inhuma impoġġijin il-vidjows, li f'Malta dawn huwa illegali. Il-ħwienet tal-vidjows u bosta mill-postijiet fejn jinbigħu t-tejps tal-mużika ma jbigħux il-prodott ġenwin, iżda l-kopji misruqa mill-oriġinal jew minn fuq kopji oħra tiegħu.

Iżda għandu mnejn wieħed jistaqsi: "B'daqshekk, x'hemm ħażin? Dan nagħmluh il-ħin kollu!" "Aħna nirrekordjaw id-diski u l-mużika mill-oriġinal għal fuq tejps tagħna, nirrekordjaw minn fuq ir-radju, it-televiżjoni u mezzi oħra".

L-irrekordjar għal skopijiet personali huwa żbaljat u illegali wkoll, iżda ma jagħmilx daqstant ħsara daqs meta jsiru kopji għan-negozju!

Wieħed ma għandux jinsa illi l-produzzjoni tal-film jew tad-diski tfisser għall-kumpanija li tkun somom kbar ta' flus. Il-ħaddiema fl-istadji kollha tal-produzzjoni jridu jitħallsu. Il-kumpaniji wkoll iridu jħallsu lill-artisti, lill-awturi, lill-kompożituri u lil nies oħra. Iħallsu għall-ħin tal-kiri ta' l-istudjows, għar-reklamar, għall-promozzjoni u fl-aħħar mill-aħħar mhux biex jerġgħu jġibu dak li jkunu ħallsu iżda biex jagħmlu profitt biżżejjed ħalli jerġgħu jinvestu fi proġetti oħra u jgħaddu d-dividendi lill-investituri.

Meta tixtri jew tikri vidjow ġenwin, jew tejp tal-mużika, parti mill-flus li tħallas tmur lura għand is-sidien tad-drittijiet jew għand il-kumpanija li tkun ħallset tant flus fil-bidu.

Meta tixtri jew tikri vidjow *illegali* jew tejp tal-mużika, flusek *kollha* jmorru fil-but tan-nies li jmexxu dan in-negozju. Is-sidien tal-materjal li jkunu qed ibigħu dawn il-pirati u jaqilgħu l-flus bih minn fuq dahar ħaddieħor, ma jkunx qed idaħħlu xejn!

Fuq skala internazzjonali dan ngħidulu "serq tad-drittijiet". F'pajjiżi serji jitqies bħala serq, tant li barra li hemm pieni ta' ħabs għal dawn il-pirati elettroniċi, hemm multi u kkonfiskar tal-mezzi li jintużaw biex jinsteraq il-materjal.

Kieku l-pajjiżi kollha jimxu fuq il-passi ħżiena tal-Maltin u jħallu dan is-serq bil-miftuħ, nispiċċaw biex ma jkunx hawn films u mużika x'naraw, x'nisimgħu u x'jinsterqu. L-industriji tal-films u tal-mużika jisfaw fix-xejn ukoll!

Huwa raġunar żbaljat li għax tant nies qed jagħmlu hekk – jikru u jiffrekwentaw libreriji tal-vidjows pirati jew jixtru t-tejps b'mużika misruqa, bħall-ġabra ta' kull xahar li hi popolari ħafna u mxerrda ma' Malta kollha – m'hemm xejn x'iżommok milli tagħmel hekk inti wkoll. B'xorti ħażina, il-mentalità ta' "xejn m'hu ħażin" hija żbaljata għall-aħħar. Wieħed mhux biss m'għandux ikompli jiffrekwenta l-ħwienet tal-vidjows pirati iżda suppost li jħeġġeġ lil sħabu biex jagħmlu l-istess bħalu.

Wieħed jittama li fl-aħħar mill-aħħar Malta wkoll timxi fuq il-liġijiet tad-drittijiet fuq skala internazzjonali. Il-gżira tagħna li trid tiġbed investiment aktar minn barra u tkattar l-attivitajiet barranin trid tgħaddi liġijiet ta' din ix-xorta.

Wieħed għandu jifhem ukoll li l-fattur tal-prezzijiet għandu parti ewlenija f'din il-problema. Aħna qed nagħmlu ħilitna kollha biex nikkonvinċu lill-kumpaniji l-kbar tal-vidjows u tad-diski ħalli jraħħsu l-prezzijiet għal Malta. Il-Gvern ukoll għandu jagħmel il-parti tiegħu. Bħalissa, id-diski, it-tejps u l-vidjows għandhom 30.5% jew 47% taxxa tad-dwana, minbarra li l-vidjows jerġgħu jħallsu Lm2.00 għaċ-ċensura kull darba li l-istess film jinġieb hawn Malta. Bla dubju ta' xejn, f'din il-ħaġa wkoll il-pirati ma jħallsu xejn u ma jagħtux sehemhom lill-kaxxa ta' Malta.

Visual & Sound Communication Ltd
Operaturi taċ-Ċentri tad-Diski u l-Vidjows Exotique

**Exotique**

AVVIŻ B'REKLAM

# IL-BIDU TAL-PALK MALTI

*minn paġna 5*

*Kozza* (mart *Bertu*) *tibki lil binha li kien ilu ġranet nieqes.*

*Uġigħ f'qalbi għandi għoddu qatilni,*
*għax ibni l-maħbub tiegħi nfired minni,*
*min jaf ruħi ibni s'issa, Bert, x'sar minnu?*
*Rabbejtu fost tant għożża, u issa ħallieni*
*f'baħar ta' kbir imrar imċaħħda minnu!*
*Alla jafu, u tafu int Bertu,*
*xi bqajt m'għamiltx biex ma jinfired minni;*
*min iġibli aħbaru u jsabbarni?*
*Min jaf il-kefrin Torok x'għamlu b'ibni?*
*Min jaf ibni hux mejjet?*
*Qalbi teħbirni bi mrar, u bi mrar kbir,*
*qalbi trid tibki wħedha;*
*wisq nibża' ma narahx iżjed b'għajnejja*
*kemm indum ħajja qatt ma jehda n-niket,*
*qatt ma titfarraġ qalbi,*
*qabel lil ibni nara,*
*qabel tal-ħajja tiegħu jkollu l-bxara.* [15]

### NOTI U REFERENZI

1. Bibljoteka Nazzjonali, Ms. 143A, f. 287t.
2. Għal studju iżjed dettaljat dwar il-Qarċilla, ara l-kapitlu "Żwieġ la Maltija fl-1760" fl-ewwel ktieb ta' *Kitba w Kittieba tal-Malti*, ta' Ġ. Cassar Pullicino, maħruġ mill-Università ta' Malta, 1962, pp. 91–98.
3. Bibljoteka Nazzjonali, Ms. 3, pp. 412–26.
4. Ġ. Cassar Pullicino, *op. cit.*, p. 95. Dan l-istudju kien deher l-ewwel darba f'*Il-Malti*, Diċembru, 1954, bl-isem "Il-Qarċilla – Bejn Drawwa u Drama f'Malta".
5. Dwar id-drawwa tal-Qarinża wieħed jista' jara dawn il-kitbiet: M.A. Vassalli, *Lexicon*. Romae, 1796, p. 406; Ġ.F. Agius de Soldaniș, *Damma ta' Kliem* ... fil-Bibljoteka Nazzjonali: Ms. 143A, f. 208; A. Preca, *Malta Cananea*, 1904, p. 355; Manwel Magri, *X'Jgħid il Malti jew L'Għerf bla mictub tal Maltin*, 1925, p. 174; Ġ. Cassar Pullicino, "New Year Customs and Beliefs", fis-*Sunday Times of Malta*, 18 ta' Diċembru, 1955, "L-Ewwel tas-Sena", fis-sensiela *Tajjeb li Tkun Taf*, Fact Sheet No.1/58 maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, u *Studies in Maltese Folklore*, Malta University, 1976, pp. 26–27; u J. Bezzina, "Il-Qarinża', il-Gawgaw u l-Imlejka", f'*L-Orizzont*, 27 ta' Diċembru, 1972.
6. Fdalijiet oħra, imma inqas ċari, ta' ritwal primittiv insibuhom fid-drawwiet li għandhom x'jaqsmu mat-trajbu ta' lejlet San Ġwann li kien jispiċċa biex jinxteħet jinħaraq fil-ħuġġieġa, fil-figura tal-Karnival li kienet ukoll tingħata n-nar bħala sinjal ta' tmiem il-għors tal-Karnival, u x-xħit – jew aħjar it-twemmin fix-xħit tal-Għaġuża, l-aktar mara xiħa għakka li tinsab fil-pajjiż, minn fuq il-kampnar għal isfel f'nofs ir-Randan, li jaħbat il-jum tal-Ħamis.
7. Ġ. Gatt, "L-Opra Teatrali f'Malta ta' Qabel il-Manoel", *Il-Berqa*, 24 ta' Settembru, 1959.
8. Bibljoteka Nazzjonali: Ms. 13, pp. 86, 272.
9. *Ibid.*, p. 719.
10. *Ibid.*, p. 745.
11. Bibljoteka Nazzjonali: Ms. 11, p. 475.
12. A. Cremona, "Kummiedji bil-Malti mija u ħamsin sena ilu", *Leħen il-Malti*, Jannar-Marzu, 1951, pp. 2–4. Għal argument kontra, ara Joseph Eynaud, *Il Teatro Italiano a Malta (1630–1830)*, Lux Press, 1979, p. 49.
13. Ara wkoll il-kitba ta' Ġużè Gatt, "Wiġi Rosato", f'*Il-Berqa*, 16 ta' Novembru, 1937, fis-sensiela "Bennejja tal-Malti".
14. Dawn il-fares ta' Rosato jissemmew 'l hawn u 'l hinn fil-ġurnali ta' dak iż-żmien.
15. Meħuda mis-silta itwal miġjuba f'*Ward ta' Qari Malti* miġbur minn P.P. Saydon u Ġużè Aquilina, Tieni Ktieb, 1937, pp. 177–79.

# KIF TITRADUĊI

**It-traduzzjoni, kemm fil-Livell Ordinarju kif ukoll fil-Livell Avvanzat, hija għadma iebsa ħafna għall-istudenti. Min-naħa l-oħra, issib ħafna li mingħalihom li traduzzjoni ssir hekk, kif tiġi tiġi, basta bid-dizzjunarju magħhom. Id-dizzjunarju jista' jkun siewi, imma bih biss ma ssirx traduzzjoni tajba. Għalhekk, dawn is-suġġerimenti prattiċi jridu jservu bħala punt ta' tluq biex l-istudenti *jibdew* jaħsbu bis-serjetà fuq ix-xjenza tat-traduzzjoni.**

**1.** It-traduzzjoni *għandha x'taqsam ma' żewġ lingwi*, fil-każ tagħna, l-Ingliż u l-Malti, jew aħjar mill-Ingliż irridu naqilbu għall-Malti. Jekk trid traduzzjoni tajba ibda minn issa aqra kemm tiflaħ bihom it-tnejn, mhux bl-Ingliż biss jew bil-Malti biss. Trid tifhem l-Ingliż biex taqleb għall-Malti, imma trid tkun taf il-Malti sewwa biex tirrappreżenta eżatt il-kelma, il-kontenut u l-ispirtu tas-silta.

**2.** Idealment, traduzzjoni tajba tkun dik li kulma jkun inkiteb fis-silta *bl-Ingliż jinftehem eżatt* l-istess minn min jaqraha *bil-Malti*.

**3.** Iż-żewġ lingwi għandhom is-sistemi lingwistiċi tagħhom, differenti minn xulxin, kemm għal dik li hi fonetika (il-ħoss), kemm għal dik li hi morfoloġija u kemm għal dik li hi sintassi (l-istruttura tas-sentenza). Traduzzjoni tajba tħares lejhom it-tlieta bl-istess importanza fiż-żewġ lingwi.

**4.** L-ewwel pass li għandu jagħmel l-istudent quddiem silta traduzzjoni għandu jkun li *jaqraha sewwa, bil-mod, għal darba, tnejn tlieta* u jixtarrha sewwa biex jifhem is-sistema lingwistika ta' l-Ingliż.

**5.** It-tieni pass ikun li *jfittex fid-dizzjunarju l-kliem diffiċli.* Dan huwa stadju serju li student serju jrid jagħmlu bl-akbar reqqa. Għax mhux biss trid issib il-kelma, imma trid tara jekk bl-Ingliż tibnix xi frażi jew idjoma li tkun qed tintuża fis-silta. Fil-Malti għandna problema kbira għax s'issa għadu ma ħariġx dizzjunarju Ingliż–Malti, tajjeb għal idejn l-istudenti tal-Matrikola, l-aktar għal dawk li huma idjomi u strutturi prepożizzjonali. Hawn tidħol l-għajnuna f'waqtha ta' l-għalliema.

**6.** It-tielet pass jiġi fit-traduzzjoni għall-Malti: wieħed *ma għandux jaqleb kelma b'kelma*, biex jirrispetta s-sintassi tal-Malti u joħloq *traduzzjoni dinamika*, jiġifieri fejn il-Malti għandu l-idjomi tiegħu jagħti kas li jdaħħalhom. Eż. *mine started his engine with Grand Prix eloquence* "tiegħi l-magna fetħilha b'kemm Alla tah saħħa"; *the diarchical principle had then just made its first appearance in the Indian provinces by virtue of the Government of India Act, 1919* "il-prinċipju dijarkiku kien għadu kif deher għall-ewwel darba bis-saħħa ta' l-Att tal-Gvern ta' l-Indja, fl-1919". *Those U.K. Servicemen, way back in the latter part of the 19th century, who kicked the first ball on the hard-bone grounds of these Islands would have been astonished had they been able to see how the first seed they were sowing would bear such lasting fruit* "Dawk in-nies tas-Servizzi Ingliżi fl-aħħar parti tas-seklu 19 li kienu lagħbu l-futbol għall-ewwel darba fuq il-grawnds iebsa daqs iż-żonqor ta' dawn il-gżejjer, kienu jibqgħu mistagħġba kieku setgħu jaraw kif l-ewwel żerriegħa li kienu qed jiżirgħu kellha tagħmel daqshekk frott dejjiemi"; *Carlo Darmanin's first works for Mosta were those of "The Agony in the Garden" and "The Scourging at the Pillar"* "l-ewwel opri ta' Karlo Darmanin għall-Mosta kienu l-Ort u l-Marbut"; *we want women to have the training to rise to these challenges – and not feel threatened by them* "lin-nisa rriduhom jitħarrġu biex jieqfu 'l dawn l-isfidi – u mhux iħossuhom mhedda minnhom".

**7.** F'dan l-istadju jrid *jifhem il-kuntest soċjali u kulturali* tal-kliem li jibdel it-tifsira tiegħu minn żmien għal ieħor.

**8.** Attenzjoni kbira għall-użu tal-kelma Maltija, bla fissazzjonijiet żejda fuq il-Malti Safi, imma *bl-użu tal-Malti ta' llum*, influwenzat kif inhu mir-Romanz (it-Taljan, l-aktar) u l-Anglo-Sassonu (l-Ingliż).

# TAĦRIĠ-IL-FEHEM

minn ĠORĠ MIFSUD

# ŻMIEN IL-KOMPJUTERS

Is-sentenza tal-filosfu Kanadiż Marshall McLuhan li "id-dinja saret raħal globali" titwettaq fi żminijietna minħabba l-isplużjoni tal-kompjuter. Il-kompjuter kien hemm min sejjaħlu "kawlata ta' televiżjoni, tajprajter u tejprikorder".

Imma dan il-kumment qajla jitwemmen illum għax ma jagħmilx sens. Ħadd mhu se jieħdu bis-serjetà minħabba l-ġid kbir li qed inisslilna f'ħajjitna l-kompjuter. Influwenzalna ħajjitna u ħajjitna qed tinfluwenzalu l-iżvilupp tiegħu. L-istess bħat-televiżjoni, li, mill-1927 meta dehret l-istampa tas-Salib ta' Malta fuq l-iskrin, sal-1941 meta sar kummerċjali u sploda ħafna fil-Ħamsinijiet, u hawn Malta fis-Sittinijiet, sar ħaġa waħda minn ħajjitna u fula f'qargħa biex tisma' 'l xi ħadd imaqdar u jarmi l-vantaġġi kbar tiegħu.

Min imaqdar il-kompjuter ikun qed igħatti l-injuranza tiegħu. M'hux sewwa li, ħaġa għax ma nafuhiex, jew għax moħħna ma jtiniex għaliha, jew għax rasna marbuta, nibqgħu nibqgħu biex inwebblu lil ħaddieħor ħalli ma jkunx jafha bħalna. Il-kompjuter jimxi fuq prinċipju sempliċi ta' 'iva' jew 'le'. Biżżejjed jekk ikollu 40 ċirkwit ta' l-'iva/le' biex jaħżen in-numri kollha minn wieħed sa triljun (miljun miljun). Imbagħad, il-ħeffa tiegħu biex jaħżen it-tagħrif u l-informazzjoni kollha li tkun trid tnewwillu hija xi ħaġa ta' l-għaġeb: ngħidu aħna, kieku kellu moħħ il-bniedem jibda jikkomunika mal-kompjuter, kien jieħu tmien snin sħaħ biex iwieġbu kull darba wara li jofroq mill-istess proċessi u mogħdijiet!

Il-kompjuter huwa magna ta' l-akbar reqqa. Tgħid il-bniedem qed joqrob lejn l-ideal tiegħu ta' perfezzjoni li ilu tant joħlom bih?

(Minn **Tagħna għal Magħna** ta' Ġorġ Mifsud)

## URI X'FHIMT

1. Qassar din is-silta fi kliemek f'mhux aktar minn madwar 60 kelma.
2. Agħti isem ieħor lis-silta.
3. X'ried igħid Marshall McLuhan bis-sentenza tiegħu li "id-dinja saret raħal globali"? (v. 2)
4. Kif turi mis-silta li l-kompjuter ma tantx ilu li ħa fis-seklu għoxrin?
5. Għala l-kompjuter stess għadu għaddej minn proċess ta' żvilupp? Islet mis-silta.
6. Għala l-kompjuter hawn min sejjaħlu "kawlata ta' televiżjoni, tajprajter u tejprikorder"? (vv. 5–6)
7. X'jiġifieri "Min imaqdar il-kompjuter ikun qed igħatti l-injuranza tiegħu"? (vv. 19–20)
8. Skond l-awtur, x'inhuma t-tliet raġunijiet ta' dawk li jeħduha kontra l-kompjuter?
9. Għala taħseb l-awtur iqabbel il-popolarità tat-televiżjoni mal-popolarità tal-kompjuter?
10. X'vantaġġi fil-kompjuter jara l-kittieb?
11. Agħti kelma waħda flok: (a) titwettaq (v. 3), (b) kawlata (v. 5), (ċ) qajla (v. 7), (d) jarmi (v. 17), (e) igħatti (v. 19), (f) rasna marbuta (v. 21), (ġ) inwebblu (v. 23), (g) tnewwillu (v. 29), (għ) jofroq (v. 33), (h) reqqa (v. 35).
12. Sib idjoma mis-silta li tfisser: (a) jemmnu, (b) daħal sewwa, (ċ) rari, (d) m'għandniex intelliġenza, (e) meraviljuża.
13. Ikteb paragrafu ta' madwar 15–20 linja fuq "Kif Jinfluwenzalna Ħajjitna l-Kompjuter".

### IL-GRAMMATIKA

14. Agħti l-mamma ta': (a) sejjaħlu (v. 5), (b) jagħmilx (v. 8), (ċ) dehret (v. 12), (d) tisma' (v. 17), (e) jarmi (v. 17), (f) jtiniex (v. 21), (ġ) jaħżen (v. 26), (g) jofroq (v. 33), (għ) tgħid (v. 36), (h) joqrob (v. 36).
15. Agħti l-għerq ta': (a) saret (v. 2), (b) imaqdar (v. 17), (ċ) jtiniex (v. 21), (d) nibqgħu (v. 22), (e) nwebblu (v. 23), (f) jimxi (v. 24), (ġ) tnewwillu (v. 29), (g) ngħidu (v. 30), (għ) jibda (v. 31), (h) joqrob (v. 36).
16. Sib il-forma ta': (a) titwettaq (v. 3), (b) sejjaħlu (v. 5), (ċ) jitwemmen (v. 7), (d) inisslilna (v. 9), (e) imaqdar (v. 17), (f) jarmi (v. 17), (ġ) igħatti (v. 19), (g) nwebblu (v. 23), (għ) tnewwillu (v. 29), (h) wieġbu (v. 32).
17. Nissel verbi minn: (a) sentenza (v. 1), (b) filosfu (v. 1), (ċ) kompjuter (v. 1), (d) serjetà (v. 9), (e) vantaġġi (v. 17), (f) informazzjoni (v. 28), (ġ) għaġeb (v. 30), (g) proċessi (v. 33), (għ) mogħdijiet (v. 34), (h) joħlom (v. 37).
18. Nissel il-parteċipju passat minn: (a) żvilupp (v. 11), (b) sploda (v. 14), (ċ) jaħżen (v. 28), (d) tnewwillu (v. 29), (e) jibda (v. 31), (f) jikkomunika (v. 31), (ġ) jieħu (v. 32), (g) iwieġbu (v. 32), (għ) jofroq (v. 33), (h) joħlom (v. 37).



19. Nissel nomi minn: (a) filosfu (v. 1), (b) raħal (v. 2), (ċ) stampa (v. 13), (d) imaqdar (v. 17), (e) jarmi (v. 17) (f) igħatti (v. 19), (ġ) jimxi (v. 24), (g) sempliċi (v. 25), (għ) jaħżen (v. 28), (h) jikkomunika (v. 31).
20. Qiegħed il-kliem li ġej fil-plural: (a) Kanadiż (v. 1), (b) skrin (v. 13), (ċ) fula (v. 16), (d) rasna (v. 22), (e) prinċipju (v. 24), (f) sempliċi (v. 25), (ġ) ċirkwit (v. 26), (g) triljun (v. 27), (għ) kompjuter (v. 35), (h) magna (v. 35).
21. Qiegħed fis-singular: (a) żminijietna (v. 3), (b) vantaġġi (v. 17), (ċ) kbar (v. 17), (d) nafuhiex (v. 21), (e) nibqgħu (v. 22), (f) inwebblu (v. 23), (ġ) numri (v. 26), (g) snin (v. 32), (għ) proċessi (v. 33), (h) mogħdijiet (v. 34).
22. Aqleb għall-Perfett *jew* għall-Imperfett skond kif ikun il-verb: (a) id-dinja saret (v. 2), (b) titwettaq (v. 3), (ċ) il-kompjuter kien hemm min sejjaħlu (vv. 4–5), (d) qajla jitwemmen (v. 7), (e) meta dehret l-istampa (vv. 12–13), (f) tisma' (v. 17), (ġ) moħħna ma jtiniex (v. 21), (g) inwebblu (v. 23), (għ) kieku kellu (v. 30), (h) jieħu tmien snin (v. 32).
23. Flok '*il*-moħħ *tal*-bniedem' ngħidu 'moħħ il-bniedem' (ara v. 31) għall-konċiżjoni. Dan ngħidulu *stat kostrutt.* Qiegħed fl-istat kostrutt: (a) ix-xogħol tal-bhima, (b) il-jum tal-Mulej, (ċ) il-kliem ta' oħtok, (d) is-sider tat-tajra, (e) is-sieq tat-tarbija, (f) it-tarf tal-mejda, (ġ) id-denb ta' l-għasfur, (g) id-driegħ tal-bokser, (għ) il-qlub tal-bċieċen, (h) iz-zija ta' Pawla.




Hu x'inhu x-xogħol tiegħek, b'kont kurrenti mal-Bank of Valletta tiffranka l-ħin u kull fixkil. Il-Bank of Valletta huwa l-uniku Bank f'Malta fejn ma tħallasx Ledger Fees.

Flusek huma fis-sod u tista' tħallas il-kontijiet tiegħek b'ċekk mingħajr ma jkollok għalfejn toqgħod tistenna fil-kju. Noffru servizz għalik.

**Bank of Valletta**

*KUMDITÀ, EFFIĊJENZA U SIGURTÀ*

# KWIŻŻILMALTI

SPONSORJAT MID-DITTA PUBBLIKAZZJONI BUĠELLI

## MISTOQSIJIET FUQ "ANALIŻI" VOL. 2 N. 1

1. X'inhi l-qarinża?
2. Meta miet Ġann Franġisk Abela?
3. Fejn kitibha l-poeżija tiegħu "Wara l-Anestesija" Ġorġ Zammit?
4. X'jisimha l-aħjar biċċa xogħol letterarja ta' Luigi Rosato?
5. Għala għal Francis Ebejer id-dramm huwa "mikrokożmu tal-ħajja"?

It-tweġibiet iridu jaslulna sal-25 ta' Ottubru, 1988 u r-rebbieħ jingħażel bix-xorti u jingħata premju ta' Lm5 kotba ppubblikati mid-Ditta Buġelli.

**TWEĠIBIET GĦAT-TISLIBA "ANALIŻI" N. 5**

MIMDUDIN: 1. Dullurata; 7+27. Is-Saħħar Falzun; 9. Em; 10. Żar; 12. Li; 13+24. Żunżan; 15. Err; 17. Ll; 18. Ħu; 19. Ibd; 21. Eġ; 22. Tn; 26. Pa; 29. Ar; 30. Ai; 31. Bn; 32. Irsul; 34. RKB; 37. Riħ; 39. KLB; 41. Ik; 43. ST; 44. Drò; 47. Il-; 48. Ewkaristiku; 51. Bank; 52. Żina.

WEQFIN: 1. Dell; 2. Umiltà; 3. La; 4+36. Rdumi; 5. TZ; 6. AA; 8. Sur Ġann; 11. Re; 13. Żuża; 14. Ninfi; 16. Repubblika; 20. Dolor; 23. Mħara; 25. Arali; 28. ĦRS; 33. Urtak; 40. Blu; 42. Keb; 43. SKN; 45. RSŻ; 46. Oti; 49+38. Waħdi; 50. In.

**TWEĠIBIET GĦAL KWIŻŻILMALTI "ANALIŻI" VOL. 1 N. 5**

1. 1896. 2. Rosaria. 3. L-4-5 ta' Novembru, 1942. 4. Friedrich Smetana. 5. Il-ħażen u l-ingratitudni tal-bniedem u l-qalb kbira u ħanina tal-Missier.

## IR-REBBIEĦA

***Tisliba "Analiżi" Vol. 1 N. 5:*** **Nadine Farrugia Cassano, Il-Kunvent tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, San Ġiljan, "Mimosa", Triq il-Liedna, Raħal il-Ġdid.**

***Kwiżżilmalti "Analiżi" Vol. 1 N. 5:*** **Dorianne Zammit, il-Liċeo Sir Adrian Dingli, St Andrews, Dar Santa Marija, Triq Isouard, Il-Marsa.**

# TISLIBA "ANALIŻI" NUMRU 6

**minn ĠORĠ MIFSUD**



## Sponsorjata minn MERLIN LIBRARY, il-Blatalbajda

**MIMDUDIN**

1. Għal Ġorġ Zammit, Għajn ... kien isem "mogħni b'wegħda ta' sbuħija" (10).
9. L-ewwel u l-aħħar vokali fil-Malti (2).
10. Imperatur miġnun Ruman li fi żmienu Ruma saret irmied (6).
11. 'Jilsnu' fil-perfett fl-istess persuna (5).
13. Mart Ġorġ Zammit (4).
15. L-inizzjali ta' kunjom wieħed mill-Ġużejiet mejta tal-Malti (2).
18. Skond Zammit fil-poeżija "Il-Għanja tas-Sirena", il-bniedem "irid jilqa' sa ma jmut/ Lil dik l-..." (2).
19. Meta Rużar Briffa kiteb il-poeżija "Wieħed Biss" Dun Karm kiteb poeżija tixbaħha, anki fl-isem, jisimha... (5 + 4).
23. Tkun indaqs (5).
24. Ħaffef! (3).
25. Bil-muskoli mfarrka (7).
29+30. F'din il-belt tas-Serbja jsemmi Ġużè Ellul-Mercer li nqatel l-Arċiduka Ferdinandu ta' l-Awstrija (2 + 8).
33. 'Obwe' bil-maqlub nieqes (3).
34. 'Wejfer' bi tliet strippi biss (3).
36+42. Skond Ġużè Galea fir-rumanz *San Ġwann* dan kellu "qalb ta' dbiba taħt sura ta' bniedem" (5 + 7).
38. Ara n. 12 wieqfa (6).
41. Ħelsu (4).
42. Ara n. 36 mimduda (7).
43. Tajjeb għall-brodu (6).
44. Il-konsonanti tal-verb 'jolza' bil-maqlub (3).

**WEQFIN**

1. Lil dan il-Gran Mastru Ġorġ Pisani kitiblu poeżija (7).
2. Skond "Il-Għanja tas-Seba' Għerien", Ġorġ Zammit malli jasal Għawdex igħaddi minn fejn Chambray, jiskorri Rdum it-Tafal, jilħaq ix-Xatt l-Aħmar, u "Mill-ponta, terraqt, tal-Mellieħa,/ Sa rkibt ... il-Ħobż" (3).
3. Is-Sur Kelin, għalkemm ateu, xorta jfaħħru lil dan (3 + 4).
4. L-ewwel żewġ konsonanti tal-kelma 'lanja' (2).
5. Hekk kienu jsejħulu s-Sa Marjann u s-Sur Tonin lill-protagonista tar-rumanz ta' Ellul-Mercer (3).
6. Il-prefiss ma' 'regolari' għall-oppost (2).
7. Ġurnata (3).
8. Minn 'anemija' ħu żewġ sillabi (3).

12+38 mimduda. "Il-Għanja ta' l-..." ta' Rużar Briffa kien jisimha "Il-Għanja ta' l-Imġiddem" qabel (2 + 6).

14. It-tieni par fil-Malti ta' vokali u konsonanti, bil-maqlub (2).
16. L-inizzjali tal-poeta Ġiżwita Malti li għalih F.S. Caruana u Briffa "dejjem kont tarahom flimkien għax it-tnejn kienu jaqblu fix-xejra ta' ħsibijiethom" (2).
17. L-inizzjali ta' poeta Malti ieħor li stqarr li x'aktarx Briffa ltaqa' ma' l-ewwel mara tiegħu fil-ġnien tal-Barrakka ta' Fuq (2).

19+21. Il-poeżija "Wara l-Anestesija" Zammit kitibha ... ... (4 + 11).

20. 'Riħa' mqabbża (4).
21. Ara 19 wieqfa.
22. Min igħid is-"sinjor..." ikun iżżewweġ (2).
26. Il-bdiewa u r-raħħala lill-mogħża hekk kienu jgħidulha biex ikeċċuha 'l hemm (2).
27. L-ewwel żewġ vokali tal-Malti (2).
28. Taqsira internazzjonali għal 'televiżjoni' (2).
29. Qal min kien (5).
31. Kelma oħra mill-Ingliż li daħlet fil-Malti flok 'orrajt' (5).
32. 'Fl-... tiegħu mir-raħal Leli nqata' għal kollox minn kulħadd" (5).
33. Koxxa (4).
35. Ma' l-egħnuq tal-kowtijiet tan-nisa narawh ta' spiss (3).
37. Taqsira ta' 'ewfemiżmu' (3).
39. Tliet ittri komuni imma wara xulxin fil-kelmtejn 'izzappap' u 'izzoppja' (3).
40. L-egħruq ta' 'kzazel' (3).
42. L-inizzjali ta' kittieb modern Malti tan-novelli, tal-poeżiji u ta' rumanz wieħed (2).

**TAQTAX DIN IL-PAĠNA.**
**Ikkopja t-tisliba u ibgħatha lil: Analiżi, Il-Liċeo Ġ.F. Abela, Misraħ Ġużè Debono, l-Imsida sal-25 ta' Ottubru, 1988. Ir-rebbieħ jingħażel bix-xorti u jingħata l-premju ta' Lm5 kotba mid-ditta Merlin Library.**


FARSONS SHANDY
TASTEFULLY REFRESHING
A quality product from FARSONS